
4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal rieżami ġudizzjarju tal-legalità tan-nuqqas ta' prestazzjoni ta' obbligi kuntrattwali skont dan ir-Regolament.

Artikolu 54

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, imwettaq in buona fede fuq il-bażi li tali azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jkunu ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negliġenza.

▼B

2. Azzjonijiet minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ma għandhomx jagħtu lok għal kwalunkwe tip ta' responsabbiltà min-naħa tagħhom, jekk ma kinux jafu, u ma kellhomx kawża raġonevoli biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom imorru kontra l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 55

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kull emenda sussegwenti.

Artikolu 56

Ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa b'dan imħassar. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinqraw bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 57

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Siti web għall-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 2, 4, 6, 8, 14, 16, 19, 22, 25, 27, 29, 33, 34, 35, 36, 37, 40, 42, 44, 45, 49 u 50 u indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea

▼M26

IL-BELĠJU
https://diplomatie.belgium.be/nl/Beleid/beleidsthemas/vrede_en_veiligheid/sancties

https://diplomatie.belgium.be/fr/politique/themes_politiques/paix_et_securite/sanctions

https://diplomatie.belgium.be/en/policy/policy_areas/peace_and_security/sanctions

Il-BULGARIJA
https://www.mfa.bg/en/101

IR-REPUBBLIKA ĊEKA
www.financnianalytickyurad.cz/mezinarodni-sankce.html

ID-DANIMARKA
http://um.dk/da/Udenrigspolitik/folkeretten/sanktioner/

IL-ĠERMANJA
http://www.bmwi.de/DE/Themen/Aussenwirtschaft/aussenwirtschaftsrecht,did=404888.html

L-ESTONJA
http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA
http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519

IL-GREĊJA
http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html

SPANJA
http://www.exteriores.gob.es/Portal/en/PoliticaExteriorCooperacion/GlobalizacionOportunidadesRiesgos/Paginas/SancionesInternacionales.aspx

FRANZA
http://www.diplomatie.gouv.fr/fr/autorites-sanctions/

IL-KROAZJA
http://www.mvep.hr/sankcije

L-ITALJA
https://www.esteri.it/mae/it/politica_estera/politica_europea/misure_deroghe

ĊIPRU
http://www.mfa.gov.cy/mfa/mfa2016.nsf/mfa35_en/mfa35_en?OpenDocument

IL-LATVJA
http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA
http://www.urm.lt/sanctions

IL-LUSSEMBURGU
https://maee.gouvernement.lu/fr/directions-du-ministere/affaires-europeennes/mesures-restrictives.html

▼**M26**

L-UNGERIJA
http://www.kormany.hu/download/9/2a/f0000/EU%20szankci%C3%B3s%20t%C3%A1j%C3%A9koztat%C3%B3_20170214_final.pdf

MALTA
https://foreignaffairs.gov.mt/en/Government/SMB/Pages/Sanctions-Monitoring-Board.aspx

IN-NETHERLANDS
https://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-sancties

L-AWSTRIJA
http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA
https://www.gov.pl/web/dyplomacja

IL-PORTUGALL
http://www.portugal.gov.pt/pt/ministerios/mne/quero-saber-mais/sobre-o-ministerio/medidas-restritivas/medidas-restritivas.aspx

IR-RUMANIJA
http://www.mae.ro/node/1548IS

IS-SLOVENJA
http://www.mzz.gov.si/si/omejevalni_ukrepi

IS-SLOVAKKJA
https://www.mzv.sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu

IL-FINLANDJA
http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

L-IŻVEZJA
http://www.ud.se/sanktioner

IR-RENJU UNIT
https://www.gov.uk/sanctions-embargoes-and-restrictions

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea
Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI)
EEAS 07/99
B-1049 Brussels, Belgium
Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu

▼**M25**

ANNESS II

Prodotti u teknoloġija msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 7

In-noti, l-akronimi u l-abbrevjazzjonijiet, u d-definizzjonijiet fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 japplikaw għall-fini ta' dan l-Anness.

PARTI I

Il-prodotti u t-teknoloġija kollha elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

PARTI II

Oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda massiva jew ma' missili ballistiċi.

Sakemm ma jkunx iddikjarat b'mod ieħor, in-numri ta' referenza li jidhru fil-kolonna intitolata "Deskrizzjoni" jirreferu għad-deskrizzjonijiet tal-oġġetti u t-teknoloġija b'użu doppju stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

Numru ta' referenza li jidher fil-kolonna intitolata "Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009" ifisser li l-karatteristiċi tal-oġġett deskritt fil-kolonna "Deskrizzjoni" huma barra mill-parametri tad-deskrizzjoni tal-entrata b'użu doppju li għaliha qed issir referenza.

Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti singoli" jingħataw f'nota teknika mal-entrata rilevanti.

Id-definizzjonijiet tat-termini bejn "virgoletti doppji" jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009, għajr għal dan li ġej:

NOTI ĠENERALI

L-iskop tal-projbizzjonijiet imsemmija f'dan l-Anness ma għandux jintilef bl-esportazzjoni ta' xi prodott mhux ipprojbit (inklużi pjanti) li jkun fih komponent wieħed jew aktar li huma pprojbiti meta l-komponent jew il-komponenti pprojbiti jkunu l-element prinċipali tal-prodott u jistgħu faċilment jitneħħew jew jintużaw għal finijiet oħrajn.

N.B.: Waqt li jiġi vvalutat jekk il-komponent jew il-komponenti pprojbiti għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, huwa meħtieġ li jintiżnu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-għarfien teknoloġiku u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu l-komponent jew il-komponenti pprojbiti bħala l-element prinċipali tal-prodotti li qed jiġu akkwistati.

Il-prodotti speċifikati f'dan l-Anness jinkludu prodotti kemm ġodda kif ukoll użati.

NOTA ĠENERALI DWAR IT-TEKNOLOĠIJA (NĠT)

(Li għandha tinqara flimkien mal-Parti C)

Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tat-"teknoloġija" li "tenħtieġ" għall-"iżvilupp", għall-"produzzjoni" jew għall-"użu" ta' prodotti li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huwa pprojbit fil-Parti A (Prodotti), huwa pprojbit skont id-dispożizzjonijiet tal-Parti B.

It-"teknoloġija" "meħtieġa" għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' prodotti pprojbiti tibqa' pprojbita anki meta tkun applikabbli għal prodotti mhux ipprojbiti.

Il-projbizzjonijiet ma japplikawx għal dik it-"teknoloġija" li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni (iċċekkjar) u t-tiswija ta' dawk il-prodotti li mhumiex ipprojbiti.

Il-projbizzjonijiet fuq it-trasferiment tat-"teknoloġija" ma japplikawx għall-informazzjoni "fid-dominju pubbliku", għar-"riċerka xjentifika bażika" jew għall-informazzjoni minima meħtieġa għall-applikazzjonijiet tal-privattivi.

▼**M25**

A. **PRODOTTI**

II.A0. *MATERJALI, FAĊILITAJIET U TAGĦMIR NUKLEARI*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A0.001	Lampi tal-katodju, vojta minn ġewwa, kif ġej: a. Lampi tal-katodju tal-jodju, vojta minn ġewwa, bi twieqi tas-siliċju pur jew tal-kwarz; b. Lampi tal-katodju tal-uranju, vojta minn ġewwa.	Mhux applikabbli
II.A0.002	Iżolaturi Faraday li jaqgħu fi ħdan medda tal-frekwenza ta' bejn 500 nm u 650 nm.	Mhux applikabbli
II.A0.003	Retikoli ottiċi fi ħdan medda tal-frekwenza ta' bejn 500 nm u 650 nm.	Mhux applikabbli
II.A0.004	Fibbri ottiċi fi ħdan medda tal-frekwenza ta' bejn 500 nm u 650 nm miksijin b'saffi mhux riflettenti fil-medda tal-frekwenza ta' bejn 500 nm u 650 nm u li jkollhom dijametru ċentrali akbar minn 0,4 mm iżda ma jeċċedix 2 mm.	Mhux applikabbli
II.A0.005	Komponenti ta' kontenituri ta' reatturi nukleari u tagħmir tal-ittestjar, minbarra dawk speċifikati f'0A001, kif ġej: a. Siġilli; b. Komponenti interni; c. Apparat ta' ssiġillar, ittestjar u kejl.	0A001
II.A0.006	Sistemi ta' sejba nukleari, minbarra dawk speċifikati f'0A001.j. jew 1A004.c., għas-sejba, l-identifikazzjoni jew il-kwantifikazzjoni ta' materjali radjuattivi jew radjazzjoni ta' oriġini nukleari u komponenti ddisinjati apposta għal dan. *N.B: Għal tagħmir personali rreferi għal II.A1.004 hawn taħt.*	0A001.j. 1A004.c.
II.A0.007	Valvi ssiġillati bil-minfaħ minbarra dawk speċifikati f'0B001.c.6, 2A226 jew 2B350, magħmulin minn lega tal-aluminju jew stainless steel tat-tip 304, 304L jew 316L.	0B001.c.6. 2A226 2B350
II.A0.008	Mirja tal-lejżer, barra minn dawk speċifikati f'6A005.e, li jikkonsistu f'substrati b'koeffiċjent ta' espansjoni termali ta' bejn 10^{-6} K^{-1} jew inqas f'temperatura ta' 20 °C (eż. silika fuża jew żaffir). *Nota: Din l-entrata ma tkoprix sistemi ottiċi ddisinjati speċjalment għall-applikazzjonijiet ta' astronomija, minbarra jekk il-mirja jkun fihom silika fuża.*	0B001.g.5. 6A005.e.
II.A0.009	Lentijiet tal-lejżer, barra minn dawk speċifikati f'6A005.e.2, li jikkonsistu f'substrati b'koeffiċjent ta' espansjoni termali ta' bejn 10^{-6} K^{-1} jew inqas f'temperatura ta' 20 °C (eż. silika fuża).	0B001.g. 6A005.e.2.
II.A0.010	Pajpijiet, sistemi ta' pajpijiet, flanġijiet, aċċessorji magħmula minn jew miksija bin-nikil, jew lega tan-nikil, li jkun fiha minn 40 % nikil bil-piż, barra minn dawk speċifikati f'2B350.h.1.	2B350

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A0.011	Pompi tal-vakum, barra minn dawk speċifikati f'0B002.f.2 jew 2B231, kif ġej: a. Pompi turbomolekulari li jkollhom rata ta' fluss ta', jew akbar minn 400 l/s; b. Pompi roughing tal-vakum tat-tip tal-għeruq li għandhom rata ta' fluss aspirattiva volumetrika akbar minn 200 m^3/h; c. Kumpressuri tax-xott f'forma ta' spiral issiġillati bil-minfaħ u pompi tal-vakum tax-xott f'forma ta' spiral issiġillati bil-minfaħ.	0B002.f.2. 2B231
II.A0.012	Magħlaq protett għall-manipulazzjoni, il-ħażna u ż-żamma ta' sustanzi radjuattivi (ċelloli jaħarqu).	0B006
II.A0.013	"Uranju naturali" jew "uranju eżawrit" jew torju fil-forma ta' metall, liga, kompost kimiku jew konċentrat u kull materjal ieħor li fih wieħed jew iktar minn dawn is-sustanzi msemmija, barra minn dawk speċifikati f'0C001.	0C001
II.A0.014	Kmamar tad-detonazzjoni li jifilħu jassorbu splużjoni ekwivalenti għal aktar minn 2,5 kg ta' TNT.	Mhux applikabbli

II.A1. *MATERJALI SPEĊJALI U TAGĦMIR RELATAT*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A1.001	Aċidu fosforiku ta' bis(2-etileżil) (HDEHP jew D2HPA) Numru tal-Astratti Kimiċi (CAS): [CAS 298-07-7] solvent fi kwalunkwe kwantità, b'purità ta' aktar minn 90 %.	Mhux applikabbli
II.A1.002	Gass fluworin CAS: [7782-41-4], b'purezza mill-inqas ta' 95 %.	Mhux applikabbli
II.A1.003	Siġilli u gaskits f'forma ta' ċrieki, b'dijametru intern ta' 400 mm u anqas, magħmula minn kwalunkwe wieħed mill-materjali li ġejjin: a. Kopolimeri ta' fluworur tal-vinilidin li għandhom 75 % jew aktar ta' struttura kristallina beta mingħajr tiġbid; b. Polimidi fluworurati li fihom 10 % skont il-piż jew aktar ta' fluworu kkombinat; c. Elastomeri tal-fosfażin fluworurat li fihom skont il-piż 30 % jew aktar ta' fluworu kkombinat; d. Poliklorotrifloretilene (PCTFE, pereż. Kel-F ®); e. Fluworoelastomeri (pereż., Viton ®, Tecnoflon ®); f. Politetrafluworoetilen (PTFE).	1A001
II.A1.004	Tagħmir personali għas-sejba ta' radjazzjoni ta' oriġini nukleari, minbarra dak speċifikat f'1A004.c., inklużi dożimetri personali.	1A004.c.
II.A1.005	Ċelluli elettrolitiċi għall-produzzjoni tal-fluworu, minbarra dawk speċifikati f'1B225, b'kapaċità ta' output ikbar minn 100 g ta' fluworu fis-siegħa.	1B225

▼M25

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A1.006	Katalizzaturi, minbarra dawk speċifikati f'1A225 jew 1B231, li fihom il-platinu, il-palladju jew ir-rodju, li jistgħu jintużaw għall-promozzjoni tar-reazzjoni ta' skambju iżotopiku tal-idroġenu bejn l-idroġenu u l-ilma għall-irkupru tat-tritju mill-ilma tqil jew għall-produzzjoni tal-ilma tqil.	1A225 1B231
II.A1.007	Aluminju u l-legi tiegħu, barra minn dawk speċifikati f'1C002.b.4. jew 1C202.a., f'forma mhux maħduma jew semifabbrikata b'waħda minn dawn il-karatteristiċi: a. "Kapaċi għal" reżistenza għat-tensjoni aħħarija ta' 460 MPa jew aktar f'293 K (20 °C); jew b. B'reżistenza għat-tensjoni ta' 415 MPa jew aktar f'298 K (25 °C). *Nota teknika:* *Il-frażi ligi "kapaċi għal" tinkorpora ligi qabel jew wara li jiġu ttrattati bis-sħana.*	1C002.b.4. 1C202.a.
II.A1.008	Metalli manjetiċi, ta' kull tip u ta' kull forma, minbarra dawk speċifikati f'1C003.a. li jkollhom "permeabbiltà inizjali relattiva" ta' 120 000 jew aktar u ħxuna ta' bejn 0,05 mm u 0,1 mm. *Nota teknika:* *Il-kejl tal-"permeabilità relattiva inizjali" jrid isir fuq materjali kompletament ittemprati.*	1C003.a.
II.A1.009	"Materjali fibruži u bil-filamenti" jew prepregs, minbarra dawk speċifikati f'1C010.a., 1C010.b., 1C210.a. jew 1C210.b., kif ġej: a. "Materjali fibruži jew filamentari" tal-aramid li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulu speċifiku" ta' aktar minn 10×10^6 m; jew 2. "Reżistenza għat-tensjoni speċifika" ta' aktar minn 17×10^4 m; b. "Materjali fibruži jew filamentari" tal-ħġieġ li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulu speċifiku" ta' aktar minn $3{,}18 \times 10^6$ m; jew 2. "Reżistenza għat-tensjoni speċifika" ta' aktar minn $76{,}2 \times 10^3$ m; c. "Ħjut", "rovings", "irmunkar" jew "rutelli" kontinwi li għandhom fihom reżina tat-termoset wiesa' 15-il mm jew inqas (preimprenjati), magħmula minn "materjali fibruži jew filamentari" tal-ħġieġ minbarra dawk speċifikati f'I.A1.010.a. hawn taħt; d. "Materjali fibruži jew filamentari" tal-karbonju; e. "Ħjut", "rovings", "irmunkar" jew "rutelli" kontinwi li għandhom fihom reżina tat-termoset, magħmula minn "materjali fibruži jew filamentari" tal-karbonju; f. "Ħjut", "rovings", "irmunkar", jew "tejps" kontinwi tal-poliakrilonitril (PAN); g. "Materjali fibruži jew filamentari" para-armidi (Kevlar ® u tipi oħrajn ta' fibri tat-tip Kevlar ®).	1C010.a. 1C010.b. 1C210.a. 1C210.b.
II.A1.010	Fibri imprenjati mir-reżina jew mill-qatran (preimprenjati), fibri tal-metall jew miksija bil-karbonju (preformati) jew "preformati tal-fibri tal-karbonju", kif ġej: a. Magħmula mill-"materjali fibruži jew filamentari" speċifikati f'II.A1.009 hawn fuq; b. "Materjali fibruži jew filamentari" tal-karbonju imprenjati b'"matriċi" tar-reżina epossidika (preimprenjati), speċifikati f'1C010.a, 1C010.b jew 1C010.c, għat-tiswija ta' strutturi jew laminati ta' inġenji tal-ajru, fejn id-daqs tal-folji individwali mhuwiex aktar minn 50 cm × 90 cm;	1C010 1C210

▼M25

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	c. Preimprenjati speċifikati f'1C010.a, 1C010.b jew 1C010.c, meta imprenjati b'reżini fenoliċi jew epossidiċi li jkollhom temperatura tat-tranżizzjoni tal-ħġieġ (Tg) inqas minn 433 K (160 °C) u temperatura tal-kura aktar baxxa mit-temperatura tat-tranżizzjoni tal-ħġieġ.	
II.A1.011	Komposti taċ-ċeramika bil-karbur tas-siliċju rinfurzati, li jistgħu jintużaw għall-ponot ta' quddiem, il-vetturi tad-dħul fl-atmosfera u l-portelli taż-żennuni, li jistgħu jintużaw fil-"missili", minbarra dawk speċifikati f'1C107.	1C107
II.A1.012	Mhux użat.	
II.A1.013	Tantalu, karbajd tat-tantalu, tungstenu, karbajd tat-tungstenu u liga tagħhom, minbarra dawk speċifikati f'1C226, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. F'forom li għandhom simetrija ċilindrika vojta jew sferika (inkluż partijiet taċ-ċilindru) b'dijametru fuq in-naħa ta' ġewwa bejn 50 mm u 300 mm; u b. Massa ta' aktar minn 5 kg.	1C226
II.A1.014	'Trabijiet elementali' tal-kobalt, tan-neodimju jew tas-samarju jew liga jew taħlitiet tagħhom li fihom tal-inqas 20 % f'piż tal-kobalt, in-neodimju jew is-samarju, b'daqs tal-partikola inqas minn 200 μm. *Nota teknika: "Trab elementali" tfisser trab ta' purità għolja ta' element wieħed.*	Mhux applikabbli
II.A1.015	Fosfat tat-tributyl pur (TBP) [CAS Nru 126-73-8] jew kwalunkwe taħlita b'kontenut ta' TBP ta' aktar minn 5 % bil-piż.	Mhux applikabbli
II.A1.016	Azzar maraging, minbarra dawk speċifikati f'1C116 jew 1C216. *Noti tekniċi:* *1. Il-fraži azzar maraging "kapaċi għal" tinkorpora azzar maraging qabel jew wara t-tisħin.* *2. Azzar tal-maraging huma liga tal-ħadid ġeneralment karatterizzati minn kontenut għoli ta' nikil, kontenut baxx ħafna ta' karbonju u l-użu ta' elementi ta' sostituzzjoni jew preċipitati sabiex jipproduċu t-tisħiħ u t-twebbis biż-żmien tal-liga.*	1C116 1C216
II.A1.017	Metalli, trabijiet u materjal tal-metall kif ġej: a. Tungstenu u liga tat-tungstenu, minbarra dawk speċifikati f'1C117, fil-forma ta' partiċelli sferiċi jew partikoli atomizzati uniformi b'dijametru ta' 500 μm (mikrometru) jew inqas b'kontenut ta' tungstenu ta' 97 % bil-piż jew ikbar; b. Molibdenu u liga tal-molibdenu, minbarra dawk speċifikati f'1C117, fil-forma ta' partiċelli sferiċi jew partikoli atomizzati uniformi b'dijametru ta' 500 μm jew inqas b'kontenut ta' molibdenu ta' 97 % bil-piż jew ikbar; c. Materjali tat-tungstenu fil-forma solida, minbarra dawk speċifikati f'1C226 b'kompożizzjonijiet materjali kif ġej: 1. Tungstenu jew ligi li fihom piż ta' 97 % jew aktar ta' tungstenu; 2. Ramm infiltrat bit-tungstenu li fih piż ta' 80 % jew iktar ta' tungstenu; jew 3. Tungstenu infiltrat bil-fidda li fih 80 % f'piż jew aktar ta' tungstenu.	1C117 1C226

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A1.018	Ligi manjetiċi rotob, minbarra dawk speċifikati f'1C003, b'kompożizzjoni kimika kif ġej: a. Kontenut ta' ħadid bejn 30 % u 60 %; u b. Kontenut tal-kobalt bejn 40 % u 60 %.	1C003
II.A1.019	Mhux użat.	
II.A1.020	Grafit, minbarra dak speċifikat f'0C004 jew 1C107.a., iddisinjat jew speċifikat biex jintuża fil-Magni tal-Fabbriki għall-Elettroerożjoni (EDM — Electrical Discharge Machining).	0C004 1C107.a.
II.A1.021	Ligi tal-azzar fil-forma ta' folja jew pjanċa, li jkollhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: (a) Ligi tal-azzar 'kapaċi għal' limitu ta' reżistenza għat-tensjoni ta' 1 200 MPa jew aktar f'293 K (20 °C); jew (b) Azzar antiossidanti dupleks stabbilizzat bin-nitroġenu. *Nota: il-frażi ligi "kapaċi għal" tinkorpora ligi qabel jew wara li jiġu ttrattati bis-sħana.* *Nota teknika: "azzar antiossidanti dupleks stabbilizzat bin-nitroġenu" għandu mikrostruttura ta' żewġ fażijiet li tikkonsisti minn frak ta' azzar ferritiku u awstenitiku biż-żieda tan-nitroġenu biex jistabbilizza l-mikrostruttura.*	1C116 1C216
II.A1.022	Materjal Kompożitu tal-Karbonju-Karbonju.	1A002.b.1
II.A1.023	Ligi tan-nikil f'forma mhux maħduma jew semifabbrikata, li jkollhom 60 % f'piż jew aktar nikil.	1C002.c.1.a
II.A1.024	Ligi tat-titanju f'forma ta' folja jew pjanċa "kapaċi għal" limitu ta' reżistenza għat-tensjoni ta' 900 MPa jew aktar f'293 K (20 °C). *Nota: il-frażi ligi "kapaċi għal" tinkorpora ligi qabel jew wara li jiġu ttrattati bis-sħana.*	1C002.b.3
II.A1.025	Ligi tat-titanju, minbarra dawk speċifikati f'1C002 u 1C202.	1C002 1C202
II.A1.026	Żirkonju u ligi taż-żirkonju, minbarra dawk speċifikati f'1C011, 1C111 u 1C234.	1C011 1C111 1C234
II.A1.027	Materjali splussivi minbarra dawk speċifikati f'1C239, jew materjali jew taħlitiet li aktar minn 2 % tal-piż tagħhom huwa tali materjal splussiv, b'densità kristallina ogħla minn 1,5 g/cm^3 u li għandhom veloċità ta' detonazzjoni ogħla minn 5 000 m/s.	1C239

II.A2. *IPPROĊĊESSAR TA' MATERJALI*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A2.001	Sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni, tagħmir u komponenti tagħhom, minbarra dawk speċifikati f'2B116:	2B116

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	a. Sistemi għat-test tal-vibrazzjoni li jużaw metodi ta' retroazzjoni jew ta' ċirkwit magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, li kapaċi jivvibraw sistema b'aċċellerazzjoni daqs jew akbar minn 0,1g rms bejn 0,1 Hz u 2 kHz u jagħtu forza daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b'"mejda vojta"; b. Kontrolluri diġitali, ikkombinati ma' "softwer" iddisinjat speċjalment għall-ittestjar tal-vibrazzjoni, b'"faxxa tal-frekwenza ta' kontroll f'ħin reali" ikbar minn 5 kHz iddisinjati għall-użu mas-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati f'a.; *Nota teknika: "Faxxa tal-frekwenza ta' kontroll f'ħin reali" hija ddefinita bħala r-rata massima fejn kontrollur jista' juża ċikli ta' kampjuni, ipproċessar ta' data u trasmissjoni ta' sinjali ta' kontroll.* c. Magni li jagħtu mbuttatura b'vibrazzjoni (unitajiet ta' vibrazzjoni), b'amplifikaturi assoċjati jew mingħajr, li jifilħu jagħtu forza ta' 50 kN jew aktar, imkejla b'"mejda vojta", u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati f'a.; d. Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u unitajiet elettroniċi mfassla sabiex jgħaqqdu unitajiet ta' vibrazzjoni multipli f'sistema li tiflaħ tipprovdi forza effettiva kombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b'"mejda vojta", u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta' vibrazzjoni speċifikati f'a. *Nota teknika: "mejda vojta" tfisser mejda ċatta, jew wiċċ, mingħajr muntaġġi jew tagħmir imwaħħal.*	
II.A2.002	Għodda tal-magni, minbarra dawk speċifikati f'2B001 jew 2B201 u kwalunkwe taħlita tagħhom, għat-tneħħija (jew il-qtugħ) ta' metalli, ċeramika jew "kompożiti" li, skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'apparat elettroniku għall-"kontroll numeriku", li jkollhom preċiżjoni ta' pożizzjonar ta' daqs jew inqas (aħjar) minn 30 μm skont ISO 230/2 (1988) jew ekwivalenzi nazzjonali fuq kwalunkwe assi lineari. *Nota teknika: Manifatturi li jikkalkulaw il-preċiżjoni tal-pożizzjoni skont l-ISO 230/2 (1997) għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti.*	2B001 2B201
II.A2.002a	Komponenti u kontrolli numeriċi, iddisinjati apposta għall-magni tal-għodod speċifikati f'2B001, 2B201 jew I.A2.002 hawn fuq.	Mhux applikabbli
II.A2.003	Magni tal-ibbilanċjar u tagħmir relatat, kif ġej: a. Magni tal-ibbilanċjar, iddisinjati jew modifikati għal apparat dentali jew mediku ta' xorta oħra, li jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Mhumiex kapaċi jibbilanċjaw rotors/assemblaġġi li għandhom massa akbar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw rotors/assemblaġġi f'veloċità akbar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f'żewġ pjani jew aktar; u 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta' 0,2 g mm għal kull kg ta' massa tal-iskrun; b. "Irjus indikaturi" mfassla jew modifikati għall-użu mal-magni speċifikati f'a hawn fuq. *Nota teknika: "L-irjus indikaturi" huma kultant magħrufa bħala strumentazzjoni tal-ibbilanċjar.*	2B119

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A2.004	Manipulaturi minn distanza li jistgħu jintużaw biex jipprovdu azzjonijiet minn distanza f'operazzjonijiet ta' separazzjoni radjukimika jew ċelluli jaħarqu, minbarra dawk speċifikati f'2B225, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: a. Jifilħu jippenetraw 0,3 m jew aktar f'ħajt ta' ċellula taħraq (operazzjoni tat-tip minn ġol-ħajt); jew b. Jifilħu jgħaddu minn fuq naħa għal oħra ta' ħajt ta' ċellula taħraq bi ħxuna ta' 0,3 m jew aktar (operazzjoni tat-tip minn fuq il-ħajt). *Nota teknika: Manipulaturi minn distanza jbiddlu l-azzjonijiet ta' operatur uman għal driegħ li jaħdem minn distanza u muntaġġ terminali. Dawn jistgħu jkunu tat-tip prinċipali / sekondarju (master / slave) jew imħaddma b'joystick jew tastiera.*	2B225
II.A2.005	Fran għat-trattament bis-sħana f'atmosfera kkontrollata jew fran tal-ossidazzjoni kapaċi li jaħdmu f'temperaturi ta' aktar minn 400 °C. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix tunnel kilns li jimxu fuq roller jew permezz ta' karozza, tunnel kilns b'conveyor belt, kilns tat-tip li jiġu mbuttati jew shuttle kilns, imfassla b'mod speċjali għall-produzzjoni tal-ħġieġ, ċeramika għall-mejda jew ċeramika strutturali.*	2B226 2B227
II.A2.006	Mhux użat.	
II.A2.007	"Trasduttur tal-pressjoni", minbarra dawk definiti f'2B230, li hu kapaċi jkejjel pressjoni assoluta fi kwalunkwe punt tal-iskala 0 sa 200 kPa u li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Elementi sensibbli għall-pressjoni magħmula jew protetti minn "Materjali reżistenti għat-tmermir mill-eżafluworidu tal-uranju (UF_6)"; u b. Li jkollu waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Skala sħiħa ta' inqas minn 200 kPa u "preċiżjoni" ta' aħjar minn ± 1 % ta' skala sħiħa; jew 2. Skala sħiħa ta' 200 kPa jew aktar u "preċiżjoni" ta' aħjar minn 2 kPa. *Nota teknika: Għall-iskopijiet ta' 2B230, "preċiżjoni" tinkludi n-nonlinearità, l-isteresi u r-ripetibbiltà f'temperatura ambjentali.*	2B230
II.A2.008	Kuntatturi likwidu-likwidu (mixxelaturi separaturi, kolonni pulsati, kolonni pjanċa, kuntatturi ċentrifugi); u distributuri tal-likwidu, distributuri tal-fwar jew oġġetti għall-kollezzjoni ta' likwidu ddisinjati għal tali tagħmir fejn kull superfiċe li jkollha kuntatt dirett mal-kimika/kimiċi li qed tkun/ikunu proċessata/proċessati tkun magħmula minn kwalunkwe mill-materjali li ġejjin: a. Ligi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromu skont il-piż; b. Fluworopolimeri; c. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); d. Grafit jew "grafit tal-karbonju"; e. Nikil jew ligi b'aktar minn 40 % nikil f'piż; f. Tantalu jew ligi tat-tantalu; g. Titanju jew ligi tat-titanju;	2B350.e.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	h. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; jew i. Azzar inossidabbli. *Nota teknika: "Grafit tal-karbonju" hu kompożizzjoni ta' grafit u karbonju amorfu, li fiha l-kontenut ta' grafit hu ta' 8 % jew aktar fil-piż.*	
II.A2.009	Tagħmir industrijali u l-komponenti tiegħu, minbarra dawk speċifikati fi 2B350.d., kif ġej: Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi b'erja tal-wiċċ għat-trasferiment tas-sħana akbar minn 0,05 m^2 u inqas minn 30 m^2; u tubi, pjanċi, bobini jew blokok (qlub) iddisinjati għal tali tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi, fejn l-uċuħ kollha li jiġu f'kuntatt dirett mal-fluwidu/i jkunu magħmula minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin: a. Ligi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromu skont il-piż; b. Fluworopolimeri; c. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); d. Grafit jew "grafit tal-karbonju"; e. Nikil jew ligi b'aktar minn 40 % nikil f'piż; f. Tantalu jew ligi tat-tantalu; g. Titanju jew ligi tat-titanju; h. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; i. Karbur tas-siliċju; j. Karbur tat-titanju; jew k. Azzar inossidabbli. *Nota: Din l-entrata ma tkoprix ir-radjaturi tal-vetturi.* *Nota teknika: Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u twettiq ieħor ta' funzjonijiet ta' ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta' kontroll tat-tagħmir għat-trasferiment tas-sħana.*	2B350.d.
II.A2.010	Pompi b'siġilli multipli jew bla siġill, minbarra dawk speċifikati f'2B350.i, adatti għal fluwidi li jnawru, jew pompi tal-vakwu u kejsings (pump bodies), kisi ta' kejsings, impellers, rotors jew pompi tal-merżuq biż-żennuna mfassla għal pompi bħal dawn, fejn kull wiċċ li jkollu kuntatt dirett mal-kimika/kimiki li qed tkun/ikunu proċessata/proċessati jkun magħmul minn kwalunkwe wieħed mill-materjali li ġejjin: a. Ligi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromu skont il-piż; b. Ċeramika; c. Ferrosiliċju; d. Fluworopolimeri; e. Ħġieġ (inkluża kisjiet vitrifikati jew tal-enemel jew kisjiet tal-ħġieġ); f. Grafit jew "grafit tal-karbonju"; g. Nikil jew ligi b'aktar minn 40 % nikil f'piż; h. Tantalu jew ligi tat-tantalu; i. Titanju jew ligi tat-titanju; j. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; k. Nijobju (kolumbju) jew ligi tan-nijobju;	2B350.i.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	l. Azzar inossidabbli; m. Ligi tal-aluminju; jew n. Lasktu. *Noti tekniċi: Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u implimentazzjonijiet oħrajn ta' funzjonijiet ta' ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta' kontroll tal-pompa.* *It-terminu "lasktu" jinkludi t-tipi kollha ta' lasktu naturali jew sintetiku.*	
II.A2.011	"Separaturi ċentrifugi", minbarra dawk speċifikati f'2B352.c., b'kapaċità ta' separazzjoni kontinwa mingħajr propagazzjoni ta' aerosols u manufatturati minn: a. Ligi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromu skont il-piż; b. Fluworopolimeri; c. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); d. Nikil jew ligi b'aktar minn 40 % nikil f'piż; e. Tantalu jew ligi tat-tantalu; f. Titanju jew ligi tat-titanju; jew g. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju. *Nota teknika:* *"Separaturi ċentrifugi" jinkludu d-dikanters.*	2B352.c.
II.A2.012	Filtri tal-metall miksijin bil-ġir, minbarra dawk speċifikati f'2B352.d., magħmulin min-nikil ligi tan-nikil b'aktar minn 40 % ta' nikil fil-piż.	2B352.d.
II.A2.013	Magni spin-forming u magni flow-forming, minbarra dawk speċifikati f'2B009, 2B109 jew 2B209 u komponenti ddisinjati speċjalment għalihom. *Nota teknika: Għall-fini ta' dan il-punt, magni li jikkombinaw il-funzjonijiet ta' spin-forming u flow-forming jitqiesu bħala magni flow-forming.*	2B009 2B109 2B209
II.A2.014	Tagħmir u reaġenti, minbarra dawk speċifikati f'2B350 jew 2B352, kif ġej: a. Fermentaturi li kapaċi jikkultivaw "mikro organiżmi" jew viruses patoġeniċi, jew kapaċi jipproduċu t-tossina, mingħajr il-propagazzjoni ta' aerosols, u li għandhom kapaċità totali ta' 10 l jew aktar; b. Aġitaturi għal fermenters kif imsemmi fil-paragrafu a. ta' hawn fuq; *Nota Teknika: Fermentaturi jinkludu bijoreatturi, kemostati u sistemi ta' fluss kontinwu.* c. Tagħmir tal-laboratorju kif ġej: 1. Tagħmir ta' reazzjoni katina bil-polimeraži (PCR) 2. Tagħmir ta' ssekwenzjar ġenetiku; 3. Sintetizzaturi ġenetiċi; 4. Tagħmir ta' elettroporazzjoni; 5. Reaġenti speċifiċi assoċjati mat-tagħmir f'I.A2.014.c. numri 1. sa 4. hawn fuq;	2B350 2B352

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	d. Filtri, mikrofiltri, nanofiltri jew ultrafiltri li jintużaw fil-bijoloġija industrijali jew tal-laboratorju għal filtraġġ kontinwu, minbarra filtri ddisinjati jew modifikati speċjalment għal skopijiet mediċi jew għall-produzzjoni ta' ilma ċar u li jistgħu jintużaw fil-qafas ta' proġetti appoġġjati mill-UE jew min-NU; e. Ultraċentrifugi, rotors u adapters għal ċentrifugi; f. Tagħmir ta' krijodessikazzjoni.	
II.A2.015	Tagħmir, minbarra dak speċifikat f'2B005, 2B105 jew 3B001.d., għad-depożitu ta' strati metalliċi kif ġej, u komponenti u aċċessorji ddisinjati speċjalment għalih: a. Tagħmir tal-produzzjoni għad-depożizzjoni kimika f'faża ta' fwar (CVD); b. Tagħmir tal-produzzjoni għad-depożizzjoni fiżika f'faża ta' fwar (PVD); c. Tagħmir tal-produzzjoni għad-depożizzjoni permezz tat-tisħin induttiv jew bir-reżistenza.	2B005 2B105 3B001.d.
II.A2.016	Tankijiet jew kontejners miftuħin, b'aġitaturi jew mingħajrhom, b'volum intern totali (ġeometriku) ta' aktar minn 0,5 m^3 (500 litru), fejn l-uċuħ kollha li jiġu f'kuntatt dirett mal-kimika/kimiki li jkunu qegħdin jiġu pproċessati jew miżmuma, ikunu magħmula minn kwalunkwe mill-materjali li ġejjin: a. Ligi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromu skont il-piż; b. Fluworopolimeri; c. Ħġieġ (inkluż kisjiet vitrifikati jew tal-enemel jew kisjiet tal-ħġieġ); d. Nikil jew ligi b'aktar minn 40 % nikil f'piż; e. Tantalu jew ligi tat-tantalu; f. Titanju jew ligi tat-titanju; g. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; h. Nijobju (kolumbju) jew ligi tan-nijobju; i. Azzar inossidabbli; j. Injam; jew k. Lasktu *Nota teknika: It-terminu "lasktu" jinkludi t-tipi kollha ta' lasktu naturali jew sintetiku.*	2B350

II.A3. *ELETTRONIKA*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A3.001	Provvisti ta' enerġija ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli, minbarra dawk speċifikati f'0B001.j.5. jew 3A227, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi li jipproduċu kontinwament, fuq perjodu ta' ħin ta' tmien sigħat, 10 kV jew aktar, b'output ta' potenza ta' 5 kW jew aktar bl-isweeping jew mingħajru; u b. Stabbiltà tal-kurrent jew tal-vultaġġ aħjar minn 0,1 % tul perjodu ta' ħin ta' erba' sigħat.	0B001.j.5. 3A227

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A3.002	Spettrometri tal-massa, minbarra dawk speċifikati f'0B002.g. jew 3A233, li kapaċi jkejlu joni ta' 200 unit ta' massa atomika jew iktar u li għandhom riżoluzzjoni li hija aħjar minn 2 partijiet f'200, kif ġej, u sorsi ta' joni għalihom: a. Spettrometri tal-massa bil-plażma b'akkoppjament induttiv (ICP/MS); b. Spettrometri tal-massa bi skarika inkandexxenti (GDMS); c. Spettrometri tal-massa b'jonizzazzjoni termika (TIMS); d. Spettrometri tal-massa b'bumbardament ta' elettroni li għandhom kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'"materjali reżistenti għall-korrużjoni mill-uranju eżafluworidu UF_6"; e. Spettrometri tal-massa b'raġġi molekulari li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'azzar li ma jissaddadx jew molibdenu u mgħammra bi trappola tal-kesħa li kapaċi tkessaħ sa 193 K (-80 °C) jew anqas; jew 2. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'materjali reżistenti għall-UF_6; f. Spettrometri tal-massa mgħammra b'sors tal-joni ta' ħafna żidiet ta' fluworin iddisinjati għal aktinidi jew fluworidi aktinidi.	0B002.g. 3A233
II.A3.003	Apparat li jbiddel il-frekwenza jew ġeneraturi, minbarra dawk speċifikati f'0B001.b.13. jew 3A225, li jkollu dawn il-karatteristiċi kollha li ġejjin, u komponenti u softwer ddisinjati speċjalment għalihom: a. Output multifaża li kapaċi jipprovdi qawwa ta' 40 W jew aktar; b. Kapaċi jaħdem fil-medda ta' frekwenzi bejn 600 u 2 000 Hz; u c. Għandu kontroll tal-frekwenza aħjar (anqas) minn 0,1 %. *Noti tekniċi:* *1. Apparat li jbiddel il-frekwenza huwa magħruf ukoll bħala konverturi, inverturi, ġeneraturi, tagħmir tal-ittestjar elettroniku, provvisti tal-elettriku AC, unitajiet ta' kontroll għall-muturi b'veloċità varjabbli jew unitajiet ta' kontroll bi frekwenza varjabbli.* *2. Il-funzjonalità speċifikata f'din l-entrata tista' tkun issodisfata b'ċertu tagħmir li jkun jinsab fis-suq bħala: tagħmir għall-ittestjar elettroniku, provvisti tal-elettriku AC, unitajiet ta' kontroll għall-muturi b'veloċità varjabbli jew unitajiet ta' kontroll bi frekwenza varjabbli.*	0B001.b.13. 3A225
II.A3.004	Spettrometri u diffrattometri, imfasslin għat-test indikattiv jew l-analiżi kwantitattiva tal-kompożizzjoni elementali tal-metalli jew il-ligi mingħajr dekompożizzjoni kimika tal-materjal.	Mhux applikabbli

II.A6. *SENSURI U LASERS*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A6.001	Vireg ta' granat tal-ittriju aluminju (YAG).	Mhux applikabbli
II.A6.002	Tagħmir u komponenti ottiċi, minbarra dawk speċifikati f'6A002 jew 6A004.b. kif ġej: Ottiċi tal-infraaħmar bil-medda tal-frekwenza li tvarja bejn 9 μm u 17 μm u komponenti tagħhom, inkluż il-komponenti tat-tellurur tal-kadmju (CdTe).	6A002 6A004.b.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A6.003	Sistemi ta' korretturi tal-fronti tal-mewġ, minbarra l-mirja speċifikati f'6A004.a., 6A005.e. jew 6A005.f., biex jintużaw f'raġġ tal-laser b'dijametru ta' aktar minn 4 mm, u elementi magħmula speċifikament għalihom, inkluż sistemi ta' kontroll, sensuri tal-fażi tal-fronti u "mirja deformabbli" inkluż mirja bimorf.	6A004.a. 6A005.e. 6A005.f.
II.A6.004	"Lasers" tal-argon jonizzat, minbarra dawk speċifikati f'0B001.g.5., 6A005.a.6. u/jew 6A205.a., li għandhom potenza medja tal-output daqs jew ikbar minn 5 W.	0B001.g.5. 6A005.a.6. 6A205.a.
II.A6.005	"Lasers" semikondutturi, minbarra dawk speċifikati f'0B001.g.5., 0B001.h.6. jew 6A005.b., u komponenti tagħhom, kif ġej: a. "Lasers" individwali semikondutturi li jipproduċu potenza tal-output ta' aktar minn 200 mW kull wieħed, fi kwantitajiet ta' aktar minn 100; b. Arranġamenti individwali ta' "lasers" semikondutturi b'potenza medja tal-output ta' iżjed minn 20 W. *Noti:* *1. "Lasers" semikondutturi normalment jissejħu dijodi tal-"laser".* *2. Din l-entrata ma tkoprix dijodi tal-"lasers" b'tul ta' mewġa fil-limitu ta' 1,2 μm – 2,0 μm.*	0B001.g.5. 0B001.h.6. 6A005.b.
II.A6.006	"Lasers" b'semikondutturi sintonizzabbli u armaturi ta' "lasers" b'semikondutturi sintonizzabbli, minbarra dawk speċifikati f'0B001.h.6. jew 6A005.b., ta' tul ta' mewġ bejn 9 μm u 17 μm, kif ukoll kolonni ta' armaturi ta' "lasers" b'semikondutturi li fihom mill-anqas armatura "laser" waħda b'semikondutturi sintonizzabbli ta' dak it-tul ta' mewġ. *Nota: "Lasers" semikondutturi normalment jissejħu dijodi tal-"laser".*	0B001.h.6. 6A005.b.
II.A6.007	"Lasers" "sintonizzabbli" fi stat solidu, minbarra dawk speċifikati f'0B001.g.5., 0B001.h.6. jew 6A005.c.1., u komponenti tagħhom iddisinjati għalihom b'mod speċjali, kif ġej: a. Lasers taż-żaffir titanju, b. Lasers bl-alessandrite.	0B001.g.5. 0B001.h.6. 6A005.c.1.
II.A6.008	"Lasers" (minbarra dawk tal-ħġieġ) drogat bin-neodimju, minbarra dawk speċifikati f'6A005.c.2.b., li għandhom output ta' tul ta' mewġa ta' aktar minn 1,0 μm iżda li ma jaqbiżx 1,1 μm u enerġija tal-output li taqbeż 10 J kull impuls.	6A005.c.2.b.
II.A6.009	Komponenti ta' akustiċiottiċi, kif ġej: a. Tubi għall-immaġni u għodda għall-immaġni fl-istat solidu li għandhom frekwenza ta' rikorrenza daqs jew akbar minn 1 kHz; b. Provvisti ta' frekwenza ta' rikorrenza; c. Ċelloli ta' Pockels.	6A203.b.4.
II.A6.010	Kameras reżistenti għar-radjazzjoni, jew lentijiet għalihom, barra minn dawk speċifikati f'6A203.c., iddisinjati apposta jew previsti bħala reżistenti għal doża ta' radjazzjoni totali ogħla minn 50×10^3 Gy (silikon) (5×10^6 rad (silikon)) mingħajr degradazzjoni operattiva. *Nota teknika: It-terminu Gy(siliċju) jirreferi għall-enerġija f'Joules għal kull kilogramma li huwa assorbit minn kampjun mhux protett tas-siliċju meta espost għar-radjazzjoni jonizzanti.*	6A203.c.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A6.011	Oxxillaturi u amplifikaturi laser sintonizzabbli bl-impulsi bil-koloranti, minbarra dawk speċifikati f'0B001.g.5., 6A005 u jew 6A205.c., li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Jaħdmu f'tul ta' mewġa bejn 300 nm u 800 nm; b. Jipproduċu potenza medja tal-output ta' aktar minn 10 W iżda mhux aktar minn 30 W; c. Rata ta' ripetizzjoni ogħla minn 1 kHz; u d. Wisa' tal-impuls inqas minn 100 ns. *Nota:Din l-entrata ma tkoprix l-oxxillaturi b'modalità waħda.*	0B001.g.5. 6A005 6A205.c.
II.A6.012	"Lasers" bl-impulsi tad-dijossidu, minbarra dawk speċifikati f'0B001.h.6., 6A005.d. jew 6A205.d., li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Jaħdmu f'tul ta' mewġa bejn 9 μm u 11 μm; b. Rata ta' ripetizzjoni ogħla minn 250 Hz; c. Jipproduċu potenza medja tal-output ta' aktar minn 100 W iżda mhux aktar minn 500 W; u d. Wisa' tal-impuls inqas minn 200 ns.	0B001.h.6. 6A005.d. 6A205.d.
II.A6.013	Lasers, minbarra dawk speċifikati f'6A005 jew 6A205.	6A005 6A205

II.A7. *NAVIGAZZJONI U AVJONIĊI*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A7.001	Sistemi inerzjali ta' navigazzjoni u komponenti mfassla b'mod speċifiku għalihom, kif ġej: a. Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali ċċertifikati għall-użu fuq'inġenji tal-ajru ċivili' mill-awtoritajiet ċivili ta' Stat parteċipant fil-Ftehim ta' Wassenaar, u l-komponenti mfassla b'mod speċjali għalihom, kif ġej: 1. Sistemi inerzjali ta' navigazzjoni (INS) (gimballed jew strapdown) u tagħmir inerzjali, iddisinjat għal "inġenji tal-ajru", vetturi tal-art, bċejjeċ tat-tbaħħir (tal-wiċċ jew ta' taħt wiċċ l-ilma) jew "vetturi spazjali" għall-attitudni, il-gwida jew il-kontroll, u li għandhom xi wieħed mill-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: a. Żball ta' navigazzjoni (liberu inerzjali) sussegwenti għal allinjament normali ta' 0,8 mili nawtiċi fis-siegħa (nm/hr) "CEP" (Probabbiltà ta' Żball Ċirkulari) jew anqas (aħjar); jew b. Speċifikati sabiex jaħdmu f'livelli ta' aċċellerazzjoni lineari ogħla minn 10 g; 2. Sistemi Inerzjali Ibridi ta' Navigazzjoni integrati f'Sistema/i Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) jew f'Sistema/i ta' "Navigazzjoni b'Riferiment għal Bażijiet ta' Data" ("DBRN") għall-attitudni, il-gwida jew il-kontroll, sussegwenti għal allinjament normali u bi preċiżjoni tal-pożizzjonament tan-navigazzjoni INS, wara telf tal-GNSS jew id-"DBRN" għal perjodu sa erba' minuti, ta' inqas (aħjar) minn 10 metri "Probabbiltà ta' Żball Ċirkulari" (CEP);	7A001 7A003 7A101 7A103

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	3. Tagħmir inerzjali għall-Indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana li għandhom xi wieħed minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti mfassla b'mod speċifiku għalihom: a. Iddisinjat biex ikollu preċiżjoni tal-Indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana ugwali għal, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' arkata RMS f'latitudni ta' 45 grad; jew b. Iddisinjat għal livell ta' skoss nonoperattiv ta' 900 g jew aktar għal durata ta' 1 msec jew iżjed. b. Sistemi ta' teodolit li jinkorporaw tagħmir inerzjali ddisinjat apposta għal skopijiet ta' surveying ċivili u ddisinjat sabiex ikollu preċiżjoni tal-indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana ugwali għal, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' arkata RMS f'latitudni ta' 45 grad, u komponenti ddisinjati apposta għalihom. c. Tagħmir inerzjali jew tagħmir ieħor li juża l-aċċellerometri speċifikati f'7A001 jew 7A101, fejn dawn l-aċċellerometri jkunu ddisinjati speċjalment u żviluppati bħala sensuri MWD (Measurement While Drilling – Kejl Waqt it-Thaffir) għal użu f'operazzjonijiet ta' servizzi tal-bjar. *Nota: Il-parametri ta' a.1. u a.2. huma applikabbli għall-kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet ambjentali li ġejjin:* *1. Vibrazzjoni aleatorja tad-dħul ta' manjitudni globali ta' 7,7 g rms fl-ewwel nofs siegħa u durata totali tat-test ta' siegħa u nofs għal kull assi f'kull wieħed mit-tliet assi perpendikolari, meta l-vibrazzjoni aleatorja tissodisfa dan kollu li ġej:* *a. Valur kostanti tad-densità spettrali tal-qawwa (PSD) ta' 0,04 g^2/Hz tul intervall ta' frekwenza ta' 15 sa 1 000 Hz; u* *b. Il-PSD tonqos mal-frekwenza minn 0,04 g^2/Hz sa 0,01 g^2/Hz tul intervall ta' frekwenza minn 1 000 sa 2 000 Hz;* *2. Rata ta' roll u tgħawwiġ (yaw) daqs + 2,62 radian/s (150 deg/s) jew aktar; jew* *3. Skont l-istandards nazzjonali ekwivalenti għal 1. jew 2. hawn fuq.* *Noti tekniċi:* *1. a.2. jirreferi għal sistemi li fihom jinbnew l-INS u għajnuniet oħra ta' navigazzjoni indipendenti, f'unità waħda (ġewwa fih) sabiex tintlaħaq prestazzjoni mtejba.* *2. "Żball Ċirkolari Probabbli" ("CEP") – F'distribuzzjoni normali ċirkulari, ir-radjus taċ-ċirku li fih isir 50 % tal-kejl individwali li jkun qed isir, jew ir-radjus taċ-ċirku li fih hemm 50 % probabbiltà li jkun jinsab.*	

II.A9. *AJRUSPAZJU U PROPULSJONI*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A9.001	Skorfini splussivi.	Mhux applikabbli
II.A9.002	Magna b'kombustjoni interna (jiġifieri tat-tip pistuni fuq sistema ta' assi jew pistuni ċirkolari), iddisinjati jew modifikati għal "inġenji tal-ajru" bl-iskrejjen jew "inġenji tal-ajru eħfef mill-arja" u l-komponenti ddisinjati speċjalment għalihom.	Mhux applikabbli

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.A9.003	Trakkijiet, minbarra dawk speċifikati f'9A115, b'aktar minn fus motorizzat wieħed u tagħbija li ma taqbiżx il-5 tunnellati. *Nota: Din l-entrata tinkludi trejlers ċatti, semitrejlers u trejlers oħrajn.*	9A115

B. **SOFTWER**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.B.001	Softwer meħtieġ għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu ta' oġġetti fil-Parti A. (Prodotti).	Mhux applikabbli

C. **TEKNOLOĠIJA**

Nru	Deskrizzjoni ta' oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
II.C.001	Teknoloġija meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu ta' oġġetti fil-Parti A. (Prodotti).	Mhux applikabbli

PARTI III

Oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija oħra li jistgħu jikkontribwixxu għas-settur tal-missili ballistiċi tar-RDPK.

A. **PRODOTTI**

III.A1. *MATERJALI SPEĊJALI U TAGĦMIR RELATAT*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
III.A1.001	Aluminju mhux maħdum	1C002
III.A1.002	Skart u fdal tal-aluminju	1C002
III.A1.003	Trabijiet u qxur tal-aluminju	1C111
III.A1.004	Biċċiet sħaħ tal-aluminju, vireg u profili	1C002
III.A1.005	Wajer tal-aluminju	1C002
III.A1.006	Pjanċi, folji u strixxa ta' aluminju, eħxen minn 0,2 mm	1C002
III.A1.007	Tubi u pajpijiet tal-aluminju	1C002
III.A1.008	Tagħmir għal tubi u pajpijiet tal-aluminju (pereżempju, iggankjar, liwjiet minkeb, sleeves)	1C002
III.A1.009	Wajer bis-swiegli, kejbils, ċineg immaljati u bħalhom, tal-aluminju, mhux insulati għall-elettriku	1C002

▼**M25**

PARTI IV

Oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija marbuta mal-armi ta' qerda massiva kif identifikati u ddeżinjati skont il-paragrafu 25 tar-Riżoluzzjoni 2270 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (2016).

A. **PRODOTTI**

IV.A0. *MATERJALI, FAĊILITAJIET U TAGĦMIR NUKLEARI*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IV.A0.001	Kalamiti forma ta' ċirkuMaterjali tal-kalamita permanenti li għandhom dawn iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: i. Kalamita forma ta' ċirku b'relazzjoni bejn id-dijametru ta' barra u dak ta' ġewwa ta' 1,6:1 jew iżgħar; u ii. Magħmula minn xi wieħed mill-materjali manjetiċi li ġejjin: aluminju-nikil-kobalt, ferriti, samarju-kobalt, jew neodimju-ħadid-boron.	3A201.b.
IV.A0.002	Apparat li jbiddel il-frekwenza (magħrufa wkoll bħala konvertituri jew invertituri) Apparat li jbiddel il-frekwenza, minbarra dawk speċifikati fl-entrati 0B001.b.13 jew 3A225 tal-Anness 1, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin, u softwer iddisinjat apposta għalhekk: i. Output tal-frekwenza multifażi; ii. Kapaċi jipprovdi qawwa ta' 40 W jew aktar; u iii. Kapaċi jaħdem kullimkien (f'kwalunkwe punt wieħed jew aktar) fil-medda ta' frekwenzi ta' bejn 600 u 2 000 Hz. *Noti Tekniċi:* *(1) Apparat li jbiddel il-frekwenza huwa magħruf ukoll bħala konvertitur jew invertitur.* *(2) Il-funzjonalità speċifikata hawn fuq tista' tkun issodisfata b'ċertu tagħmir deskritt jew ikkummerċjalizzat bħala tagħmir għall-ittestjar elettroniku, provvisti tal-elettriku AC, unitajiet ta' kontroll għall-muturi b'veloċità varjabbli, jew unitajiet ta' kontroll bi frekwenza varjabbli.*	0B001.b.13. 3A225

IV.A1. *MATERJALI SPEĊJALI U TAGĦMIR RELATAT*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IV.A1.001	Azzar maraging li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: i. "kapaċi għal" reżistenza għat-tensjoni aħħarija ta' 1 500 MPa jew aktar f'293 K (20 °C). ii. F'bar jew tubu, b'dijametru estern ta' 75 mm jew aktar.	1C216
IV.A1.002	Materjali ta' ligi manjetiċi f'folji jew strixxa rqiqa li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: (a) Ħxuna ta' 0,05 mm jew inqas; jew għoli ta' 25 mm jew inqas, u (b) Magħmula minn xi wieħed mill-materjali manjetiċi li ġejjin: ħadid-kromu-kobalt, ħadid-kobalt-vanadju ħadid-kromu-kobalt-vanadju, jew ħadid-kromu.	1C005

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	2. Sottostrati grezzi, sottostrati pproċessati b'kisja tal-wiċċ (b'saff wieħed jew b'ħafna, metalliċi jew dielettriċi, kondutturi, semikondutturi jew iżolanti) jew b'pellikola protettiva; 3. Segmenti jew assemblaġġi ta' mirja ddisinjati sabiex jintramaw fl-ispazju f'sistema ottika b'apertura kollettriċi ekwivalenti għal jew ikbar minn ottika waħda ta' dijametru ta' 1 m; 4. Komponenti fabbrikati minn materjali "kompożiti" li għandhom koeffiċjent tal-espansjoni termika lineari ugwali għal 5×10^{-6} jew inqas f'kull direzzjoni koordinata.	
IX.A6.013	"Lasers (CW)" b'mewġ kontinwu non-"intonabbli" bi kwalunkwe wieħed milli ġej: 1. Tul ta' mewġ tal-output inqas minn 150 nm u qawwa tal-output ta' iżjed minn 1 W; 2. Tul ta' mewġ tal-output ta' 150 nm jew iżjed iżda li ma jaqbiżx 510 nm u qawwa tal-output ta' iżjed minn 30 W; *Nota: L-entrata 2 ta' hawn fuq mhijiex applikabbli għal-"lasers" tal-Argon b'qawwa tal-output ta' 50 W jew inqas.* 3. Tul ta' mewġ tal-output li jeċċedi 510 nm iżda ma jeċċedix 540 nm u kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: a. Output b'modalità trażversali unika u qawwa tal-output li teċċedi 50 W; jew b. Output b'modalità trażversali multipla u qawwa tal-output ta' iżjed minn 150 W; 4. Tul ta' mewġ tal-output ta' iktar minn 540 nm iżda li ma jeċċedix 800 nm u qawwa tal-output ta' iżjed minn 30 W; 5. Tul ta' mewġ tal-output li jeċċedi 800 nm iżda li ma jeċċedix 975 nm u kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: a. Output b'modalità trażversali unika u qawwa tal-output li teċċedi 50 W; jew b. Output b'modalità trażversali multipla u qawwa tal-output li teċċedi 80 W; 6. Tul ta' mewġa tal-output li jeċċedi 975 nm iżda li ma jeċċedix 1 150 nm u xi wieħed minn dawn li ġejjin: a. Qawwa tal-output b'modalità trażversali unika u li teċċedi 500 W; jew b. Output b'modalità trażversali multipla u xi wieħed minn dan li ġej: 1. "Effiċjenza tal-plagg tal-ħajt" li taqbeż 18 % u qawwa tal-output li taqbeż 500 W; jew 2. Qawwa tal-output li teċċedi 2 kW; *Noti:* *1. L-entrata b. ta' hawn fuq ma tapplikax għal-"lasers" industrijali ta' modalità trażversali multipli b'potenza tal-output ogħla minn 2 kW u mhux ogħla minn 6 kW b'massa totali itqal minn 1 200 kg. Għall-finijiet ta' din in-nota, il-piż totali jinkludi l-komponenti kollha meħtieġa sabiex iħaddmu l-"laser", pereż., "laser", provvista ta' enerġija, skambjatur tas-sħana, iżda jeskludi l-ottika esterna għall-kondizzjonament tar-raġġ u/jew sabiex dan jitwassal.*	6A005.a.1. 6A005.a.2. 6A005.a.3. 6A005.a.4. 6A005.a.5. 6A005.a.6.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	2. L-entrata b. ta' hawn fuq mhijiex applikabbli għal-"lasers" industrijali ta' modalità trażversali multipla li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: *(a) Potenza tal-output li taqbeż 500 W iżda li ma taqbiżx 1 kW u li għandha dan kollu li ġej:* *1. Il-Prodott tal-Parametru tar-Raġġ (BPP) li jaqbeż 0,7 mm · mrad; u* *2. "Luminożità" li ma taqbiżx 1 024 W/(mm · mrad)2;* *(b) Potenza tal-output li taqbeż 1 kW iżda li ma taqbiżx 1,6 kW u li għandha BPP li jaqbeż 1,25 mm · mrad;* *(c) Potenza tal-output li taqbeż 1,6 kW iżda li ma taqbiżx 2,5 kW u li għandha BPP li jaqbeż 1,7 mm · mrad;* *(d) Potenza tal-output li taqbeż 2,5 kW iżda li ma taqbiżx 3,3 kW u li għandha BPP li jaqbeż 2,5 mm · mrad;* *(e) Potenza tal-output li taqbeż 3,3 kW iżda li ma taqbiżx 4 kW u li għandha BPP li jaqbeż 3,5 mm · mrad;* *(f) Potenza tal-output li taqbeż 4 kW iżda li ma taqbiżx 5 kW u li għandha BPP li jaqbeż 5 mm · mrad;* *(g) Potenza tal-output li taqbeż 5 kW iżda li ma taqbiżx 6 kW u li għandha BPP li jaqbeż 7,2 mm · mrad;* *(h) Potenza tal-output li taqbeż 6 kW iżda li ma taqbiżx 8 kW u li għandha BPP li jaqbeż 12-il mm · mrad; jew* *(i) Potenza tal-output li taqbeż 8 kW iżda li ma taqbiżx 10 kW u li għandha BPP li jaqbeż 24 mm · mrad;* *Nota teknika:* *Għall-finijiet tan-nota 2.a., "luminożità" hija definita bħala l-qawwa tal-output tal-"laser" diviża bil-valur kwadrat tal-Prodott tal-Parametru tar-Raġġ (BPP), jiġifieri (qawwa tal-output)/BPP^2.*	
IX.A6.014	"Lasers" "intonabbli", li għandhom kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: 1. Tul ta' mewġ tal-output inqas minn 600 nm u kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: a. Enerġija tal-output ogħla minn 50 mJ għal kull impuls u "l-ogħla qawwa" ta' iktar minn 1 W; jew b. Potenza tal-output medja jew f'mewġa kontinwa ogħla minn 1 W; *Nota: L-entrata 1. ta' hawn fuq mhijiex applikabbli għal-"lasers" b'kolorant jew "lasers" bil-likwidu oħrajn, li għandhom modalità multipla u tul ta' mewġ ta' 150 nm jew aktar iżda mhux aktar minn 600 nm u dan kollu li ġej:* *1. Potenza tal-output anqas minn 1,5 J għal kull impuls jew "l-ogħla potenza" ta' inqas minn 20 W; u* *2. Potenza tal-output medja jew f'mewġa kontinwa inqas minn 20 W.* 2. Tul ta' mewġa tal-output ta' 600 nm jew iżjed iżda li ma jaqbiżx 1 400 nm, u kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: a. Enerġija tal-output ogħla minn 1 J għal kull impuls u "l-ogħla potenza" ta' iktar minn 20 W; jew b. Potenza tal-output medja jew f'mewġa kontinwa ogħla minn 20 W; jew 3. Tul ta' mewġ tal-output li jaqbeż 1 400 nm u kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: a. Potenza tal-output ogħla minn 50 mJ għal kull impuls u "l-ogħla potenza" ta' iktar minn 1 W; jew b. Potenza tal-output medja jew f'mewġa kontinwa ogħla minn 1 W;	6A005.c.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.A6.015	"Lasers" semikondutturi oħra, kif ġej: *Noti:* *1. Inklużi "lasers" semikondutturi li għandhom konnetturi ottiċi tal-output (pereż. konnetturi spirali tal-fibri ottiċi).* *2. L-istatus tal-"lasers" semikondutturi ddisinjati apposta għal tagħmir ieħor hu determinat mill-istatus tat-tagħmir l-ieħor.* a. "Lasers" semikondutturi individwali b'modalità trażversali unika bi kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. Tul ta' mewġ ta' 1 510 nm jew inqas u potenza medja tal-output jew potenza f'mewġa kontinwa ogħla minn 1,5 W; jew 2. Tul ta' mewġ iktar minn 1 510 nm u potenza medja tal-output jew potenza f'mewġa kontinwa ogħla minn 500 mW; b. "Lasers" semikondutturi individwali b'modalità trażversali multipli bi kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. Tul ta' mewġ inqas minn 1 400 nm u potenza medja tal-output jew potenza f'mewġa kontinwa ogħla minn 15 W; 2. Tul ta' mewġ ta' 1 400 nm jew iżjed u inqas minn 1 900 nm u potenza medja tal-output jew potenza f'mewġa kontinwa ogħla minn 2,5 W; jew 3. Tul ta' mewġ ta' 1 900 nm jew iżjed u potenza medja tal-output jew potenza f'mewġa kontinwa ogħla minn 1 W; c. "Żbarri" individwali ta' "lasers" semikondutturi, li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. Tul ta' mewġ inqas minn 1 400 nm u potenza medja tal-output jew potenza f'mewġa kontinwa ogħla minn 100 W; 2. Tul ta' mewġ ta' 1 400 nm jew iżjed u inqas minn 1 900 nm u potenza medja tal-output jew potenza f'mewġa kontinwa ogħla minn 25 W; jew 3. Tul ta' mewġ ta' 1 900 nm jew iżjed u potenza medja tal-output jew potenza f'mewġa kontinwa ogħla minn 10 W; d. "Arranġamenti fuq xulxin" (arranġamenti bidimensjonali) ta' "lasers" semikondutturi li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. Tul ta' mewġ inqas minn 1 400 nm u li għandhom kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: a. Potenza tal-output totali medja jew f'mewġa kontinwa ta' inqas minn 3 kW u b'"densità tal-potenza" tal-output medja jew f'mewġa kontinwa ta' iktar minn 500 W/cm^2; b. Potenza tal-output totali medja jew f'mewġa kontinwa daqs jew aktar minn 3 kW iżda daqs jew inqas minn 5 kW, u b'"densità tal-potenza" tal-output medja jew f'mewġa kontinwa ta' iktar minn 350W/cm^2; c. Potenza tal-output totali medja jew f'mewġa kontinwa ta' iktar minn 5 kW; d. "Densità tal-potenza" bl-impuls bl-ogħla punt iktar minn 2 500 W/cm^2; jew *Nota: L-entrata d. mhijiex applikabbli għal tagħmir monolitiku ffabbrikat b'mod epitassjali.* e. Potenza tal-output totali medja jew f'mewġa kontinwa spazjalment koerenti, ta' iktar minn 150 W; 2. Tul ta' mewġ ta' 1 400 nm jew iktar iżda inqas minn 1 900 nm u li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: a. Potenza tal-output totali medja jew f'mewġa kontinwa inqas minn 250 W u "densità tal-potenza" tal-output medja jew f'mewġa kontinwa ta' iktar minn 150 W/cm^2; b. Potenza tal-output totali medja jew f'mewġa kontinwa daqs 250 W jew iktar iżda daqs jew inqas minn 500 W, u b'"densità tal-potenza" tal-output medja jew f'mewġa kontinwa ta' iktar minn 50 W/cm^2; c. Potenza tal-output totali medja jew f'mewġa kontinwa ta' iktar minn 500 W; d. "Densità tal-potenza" bl-impuls bl-ogħla punt iktar minn 500 W/cm^2; jew	6A005.d.1

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	Nota: L-entrata d. mhijiex applikabbli għal tagħmir monolitiku ffabrikat b'mod epitassjali. e. Potenza tal-output totali medja jew f'mewġa kontinwa spazjalment koerenti, ta' iktar minn 15-il W; 3. Tul ta' mewġ ta' 1 900 nm jew iktar u li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: a. "Densità tal-potenza" tal-output medja jew f'mewġa kontinwa akbar minn 50 W/cm^2; b. Potenza tal-output medja jew f'mewġa kontinwa akbar minn 10 W; jew c. Potenza tal-output totali medja jew f'mewġa kontinwa spazjalment koerenti, ta' iktar minn 1,5 W; jew 4. Tal-inqas "żbarra" tal-"laser" waħda speċifikata hawn fuq; *Nota teknika:* *Għall-finijiet ta' din il-kategorija, "densità tal-potenza" tfisser il-potenza tal-output totali tal-"laser" diviża bl-erja tal-wiċċ emittenti tal-"arranġament fuq xulxin".*	
IX.A6.016	"Lasers kimiċi" kif ġej: a. "Lasers" tal-Fluworur tal-Idroġenu (HF); b. "Lasers" tal-Fluworur tad-Dewterju (DF); c. "Lasers ta' trasferiment", kif ġej: 1. "Lasers" tad-Diossidu tal-Jodju (O_2-I); 2. "Lasers" tal-Fluworur tad-Dewterju-Diossidu tal-Karbonju (DF-CO2); 3. "Lasers" "b'impulsi nonrepetittivi" bi ħġieġ ND li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: a. "Durata tal-impuls" ta' mhux iżjed minn 1 μs u enerġija tal-output ogħla minn 50 J kull impuls; jew b. "Durata tal-impuls" ta' ogħla minn 1 μs u enerġija tal-output ogħla minn 100 J kull impuls;	6A005.d.5
IX.A6.017	Komponenti, kif ġejjin: 1. Mirja mkessħin bi "tkessiħ attiv" jew bi tkessiħ b'pajpijiet tat-tisħin; *Nota teknika:* *"Tkessiħ attiv" huwa teknika ta' tkessiħ għal komponenti ottiċi bl-użu ta' fluwidi li jiċċirkolaw taħt il-wiċċ (nominalment inqas minn 1 mm taħt il-wiċċ ottiku) tal-komponent ottiku sabiex ineħħu s-sħana mill-ottika.* 2. Mirja ottiċi jew komponenti trażmissivi jew bi trażmissjoni ottika parzjali jew elettroottiċi, għajr għal kombinaturi tal-fibra fużi koniċi u aperturi ta' Saffi Dielettriċi (MLDs), iddisinjati apposta għall-użu b'"lasers" speċifikati; 3. Komponenti tal-"laser" tal-fibra kif ġej: a. Kombinaturi tal-fibra fużi koniċi ta' modalità multipla għal modalità multipla li għandhom dan kollu li ġej: 1. Telf bl-inseriment aħjar (inqas) minn jew ugwali għal 0,3 dB miżmuma f'kapaċità ta' potenza tal-output medja jew potenza CW totali (minbarra l-output tal-potenza trażmessa permezz ta' modalità unika ċentrali jekk preżenti) ogħla minn 1 000 W; u 2. Għadd ta' fibri tal-input ugwali għal jew ikbar minn 3; b. Kombinaturi tal-fibra fużi koniċi ta' modalità unika għal modalità multipla li għandhom dan kollu li ġej: 1. Telf tal-inseriment ta' aħjar (inqas) minn 0,5 dB miżmuma f'kapaċità totali ta' potenza medja tal-output jew potenza f'mewġa kontinwa ogħla minn 4 600 W; 2. Għadd ta' fibri tal-input ugwali għal jew ikbar minn 3; u	6A005.e.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	3. Li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: a. Tul ta' Prodott ta' Parametru ta' Raġġ (BPP) imkejjel f'output mhux aktar minn 1,5 mm mrad għal għadd ta' fibri ta' input ta' inqas minn jew ugwali għal 5; jew b. BPP imkejjel f'output mhux aktar minn 2,5 mm mrad għal għadd ta' fibri ta' input akbar minn 5; c. MLDs li jkollhom dawn l-elementi kollha li ġejjin: 1. Iddisinjati għal kombinazzjoni spettrali jew koerenti ta' raġġi ta' 5 jew aktar "lasers" tal-fibra; u 2. Limitu ta' danni kkawżati mil-"laser" (LIDT) CW akbar minn jew ugwali għal 10 kW/cm^2.	
IX.A6.018	Gravimetri u gradjometri tal-gravità, kif ġej: (a) Gravimetri ddisinjati jew modifikati għall-użu fuq l-art u li għandhom "preċiżjoni" statika ta' inqas (aħjar) minn 10 μGal; *Nota: L-entrata (a) mhijiex applikabbli għall-gravimetri għall-użu fl-art tat-tip bl-element tal-kwartz (Worden).* (b) Gravimetri ddisinjati għal pjattaformi mobbli u li għandhom dan kollu li ġej: 1. "Preċiżjoni" statika ta' inqas (aħjar) minn 0,7 mGal; u 2. "Preċiżjoni" fil-ħidma (operattiva) ta' inqas (aħjar) minn 0,7 mGal, b'"ħin ta' reġistrazzjoni ta' valur stabbli" ta' inqas minn 2 minuti taħt kwalunkwe kombinazzjoni ta' kumpensi u influwenzi dinamiċi preżenti; *Nota teknika: Għall-finijiet tal-entrata (b), "ħin ta' reġistrazzjoni ta' valur stabbli" (imsemmi wkoll bħala l-ħin ta' rispons tal-gravimetri) huwa l-ħin li matulu jitnaqqsu l-effetti disturbanti tal-aċċellerazzjonijiet indotti mill-pjattaforma (ħoss ta' frekwenza għolja).* (c) Gradjometri tal-gravità.	6A007
IX.A6.019	1. Sistemi, tagħmir u assemblaġġi tar-radar, li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: *Nota: Din it-taqsima mhijiex applikabbli għal:* — *Radar Sekondarju ta' Sorveljanza (SSR);* — *Radar Awtomobilistiku Ċivili;* — *Mezzi viżivi jew monitors użati għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC);* — *Radar Meteoroloġiku (tat-temp);* — *Tagħmir ta' radar ta' approċċ ta' preċiżjoni (PAR) konformi mal-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u li juża arranġamenti lineari (unidimensjonali) diriġibbli elettronikament jew antenni passivi ppożizzjonati mekkanikament.* (a) Jaħdmu fi frekwenzi minn 40 GHz sa 230 GHz u għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. Potenza medja tal-output li taqbeż 100 mW; jew 2. "Preċiżjoni" ta' lokalizzazzjoni ta' 1 m jew inqas (aħjar) fil-medda u 0,2 gradi jew inqas (aħjar) f'ażimut; (b) Wisa' tal-banda intonabbli li teċċedi ± 6,25 % tal-"frekwenza operattiva ċentrali";	6A008

▼M25

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	Nota teknika: *Il-"frekwenza operattiva ċentrali" hija nofs is-somma tal-ogħla u l-inqas frekwenzi operattivi speċifikati.* (c) Kapaċi jaħdmu fl-istess ħin fuq aktar minn żewġ frekwenzi portanti; (d) Kapaċi jaħdmu b'mod ta' radar b'apertura sintetika (SAR), radar b'apertura sintetika invertita (ISAR) jew radar laterali fl-ajru (SLAR); (e) Fihom antenni b'arranġament orjentabbli elettronikament; (f) Jistgħu jiddeterminaw l-għoli ta' bersalli nonkoperattivi; (g) Iddisinjati apposta għat-tħaddim fl-ajru (immuntati fuq ballun tal-ajru jew qafas ta' ajruplan) u li għandhom "proċessar tas-sinjali" Doppler għar-rilevament ta' bersalli li jiċċaqalqu; (h) Għandhom proċessar tas-sinjali tar-radar u li juża kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. Teknika ta' "spettru mifrux tar-radar"; jew 2. Teknika ta' "aġilità tal-frekwenza tar-radar"; (i) Jipprovdu l-ħidma fuq l-art u li għandhom "medda strumentata" massima li taqbeż 185 km; *Nota: L-entrata (i) ta' hawn fuq mhijiex applikabbli għal:* *(a) Radar fuq l-art għas-sorveljanza tal-unitajiet tas-sajd;* *(b) Tagħmir tar-radar fuq l-art iddisinjat apposta għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru waqt ir-rotta, u li għandhom dan kollu li ġej:* *1. "Medda strumentata" massima ta' 500 km jew inqas;* *2. Ikkonfigurat sabiex id-data tal-bersalli tar-radar tista' tintbagħat biss f'direzzjoni waħda mill-post tar-radar għal ċentru ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru ċivili wieħed jew aktar;* *3. Ma fih ebda provista għall-kontroll remot tar-rata ta' skennjar tar-radar miċ-ċentru ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru waqt ir-rotta; u* *4. Installat b'mod permanenti.* *(c) Radars għall-insegwiment tal-blalen tal-ajru meteoroloġiċi.* (j) Ikun radar bil-"laser" jew tagħmir għad-Detezzjoni u l-Kejl tad-Distanza bid-Dawl (LIDAR), u jkollu kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. "Kwalifikati għall-użu spazjali"; 2. Jużaw teknika ta' detezzjoni koerenti eterodina jew omodina u għandhom riżoluzzjoni angulari ta' inqas (aħjar) minn 20 μrad (mikroradjan); jew 3. Iddisinjati għat-twettiq ta' stħarriġiet littorali batimetriċi fl-ajru skont l-Istandard ta' Ordni 1a (il-Ħames Edizzjoni, Frar 2008) jew aħjar, tal-Organizzazzjoni Idrografika Internazzjonali (IHO) għal Stħarriġiet Idrografiċi, u li jużaw "laser" wieħed jew aktar b'tul ta' mewġ akbar minn 400 nm iżda mhux aktar minn 600 nm; *Noti:* *1. Tagħmir LIDAR iddisinjat apposta għall-istħarriġ huwa speċifikat biss fi 3.* *2. L-entrata ta' hawn fuq mhijiex applikabbli għal tagħmir LIDAR iddisinjat apposta għall-osservazzjoni meteoroloġika.*	

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	3. Il-parametri skont l-Istandard tal-IHO ta' Ordni 1a (il-Ħames Edizzjoni, Frar 2008) huma mniżżlin fil-qosor kif ġej: *Preċiżjoni Orizzontali (livell ta' kunfidenza ta' 95 %) = 5 m + 5 % tal-fond.* *Preċiżjoni tal-Fond għal Fondijiet Imnaqqsa (livell ta' kunfidenza ta' 95 %) = $\pm\sqrt{(a^2+(b*d)^2)}$ fejn:* *a = 0,5 m = żball tal-fond kostanti, jiġifieri t-total tal-iżbalji tal-fond kostanti kollha* *b = 0,013 = fattur tal-iżball li jiddependi fuq il-fond* *b*d = żball li jiddependi fuq il-fond, jiġifieri t-total tal-iżbalji kollha li jiddependu fuq il-fond* *d = fond* *Rilevament tal-Karatteristika = Karatteristiċi kubi > 2 m f'fond sa 40 m; 10 % tal-fond lil hinn minn 40 m.* (k) Għandhom sottosistemi ta' "proċessar tas-sinjali" li jużaw "kompressjoni tal-impuls", u li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. Proporzjon ta' "kompressjoni tal-impuls" ogħla minn 150; jew 2. Wisa' tal-impuls ikkompressat inqas minn 200 ns; jew *Nota: L-entrata 2 ta' hawn fuq mhijiex applikabbli għal "radar marittimu" jew radar tas-"servizz tat-traffiku marittimu" ta' żewġ dimensjonijiet, li għandu dan kollu li ġej:* *(a) Proporzjon ta' "kompressjoni tal-impuls" mhux ogħla minn 150;* *(b) Wisa' tal-impuls ikkompressat ogħla minn 30 ns;* *(c) Antenna unika u rotanti mekkanikament skennjata;* *(d) L-ogħla potenza tal-output mhux ogħla minn 250 W; u* *(e) Mhux kapaċi "jaqbeż minn frekwenza għal oħra".* (l) Għandhom sottosistemi għall-ipproċessar tad-*data* u li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. "Insegwiment awtomatiku tal-bersall" li jagħti, għal kwalunkwe rotazzjoni tal-antenna, il-pożizzjonament previst tal-bersall lil hinn mill-ħin tal-passaġġ li jmiss tar-raġġ tal-antenna; jew *Nota: L-entrata ta' hawn fuq mhijiex applikabbli għall-kapaċità ta' allert ta' konflitt fis-sistemi għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru, jew "ir-radar marittimu".* 2. Konfigurati biex jipprovdu sovrappożizzjoni u korrelazzjoni, jew fużjoni, ta' *data* ta' bersalli f'sitt sekondi minn żewġ sensuri tar-radar jew iktar "ġeografikament mifruxin" sabiex ir-rendiment aggregat ikun superjuri għal dak ta' sensur wieħed speċifikat fl-entrati (f) jew (i). *Nota: L-entrata ta' hawn fuq mhijiex applikabbli għal sistemi, tagħmir jew assemblaġġi użati għas-"servizz tat-traffiku marittimu".* *Noti tekniċi:* *1. Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "radar marittimu" huwa radar li huwa użat sabiex jinnaviga b'mod sikur fil-baħar, fil-passaġġi fl-ilma interni jew l-ambjenti qrib ix-xatt.* *2. Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "servizz tat-traffiku marittimu" huwa servizz ta' monitoraġġ u kontroll tat-traffiku marittimu simili għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru għall-"inġenji tal-ajru".*	

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.A6.020	Apparat ottiku, kif ġej: (a) Tagħmir għall-kejl tal-fattur ta' riflessjoni assolut bi "preċiżjoni" ta' 0,1 % jew aħjar tal-valur ta' riflessjoni; (b) Tagħmir għajr dak għall-kejl tad-dispersjoni tal-uċuħ ottiċi, li għandu apertura netta ta' iktar minn 10 cm, iddisinjat apposta għall-kejl ottiku mingħajr kuntatt ta' forma (profil) ta' wiċċ ottiku mhux ċatt bi "preċiżjoni" ta' 2 nm jew inqas (aħjar) fir-rispett tal-profil meħtieġ. *Nota: Din l-entrata mhijiex applikabbli għall-mikroskopji.*	6B004
IX.A6.021	Tagħmir li jipproduċi, jallinja u jikkalibra gravimetri bbażati fuq l-art bi "preċiżjoni" statika ta' aħjar minn 0,1 mGal.	6B007
IX.A6.022	Sistemi ta' kejl ta' sezzjoni trażversali bir-radar bl-impulsi li jittrażmettu impulsi b'wisa' ta' 100 ns jew inqas, u komponenti ddisinjati apposta għalihom.	6B008
IX.A6.023	Materjali għal sensuri ottiċi kif ġej: (a) Tellurju elementari (Te) b'livelli ta' purezza ta' 99,9995 % jew iżjed; (b) Kristalli uniċi (inkluż wejfers epitassjali) ta' kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. Tellurur tal-kadmju-żingu (CdZnTe), b'kontenut ta' żingu ta' inqas minn 6 % bi "frazzjoni molari"; 2. Tellurur tal-kadmju (CdTe) fi kwalunkwe livell ta' purità; jew 3. Tellurur tal-merkurju-kadmju (HgCdTe) fi kwalunkwe livell ta' purità. *Nota teknika:* *"Frazzjoni molari" hija definita bħala l-proporzjon tal-moli ta' ZnTe u t-total tal-moli ta' CdTe u ZnTe preżenti fil-kristall.*	6C002
IX.A6.024	Materjal ottiku, kif ġej: (a) "Sottostrati grezzi" ta' selenid taż-żingu (ZnSe) u sulfid taż-żingu (ZnS), magħmulin mill-proċess kimiku ta' depożitu mill-fwar u li għandhom kwalunkwe wieħed minn dan li ġej: 1. Volum ikbar minn 100 cm^3; jew 2. Dijametru ikbar minn 80 mm u ħxuna ta' 20 mm jew iżjed; (b) Materjal elettrottiku u materjal ottiku mhux lineari, kif ġej: 1. Arsenat tal-potassju titanil (KTA) (CAS 59400-80-5); 2. Selenjur tal-gallju-fidda (AgGaSe2, magħruf ukoll bħala AGSE) (CAS 12002-67-4); 3. Selenjur tat-tallju-arseniku (Tl3AsSe3, magħruf ukoll bħala TAS) (CAS 16142-89-5); 4. Fosfat taż-żingu ġermanju ($ZnGeP_2$, magħruf ukoll bħala ZGP, bifosfat taż-żingu ġermanju jew difosfat taż-żingu ġermanju); jew 5. Selenju tal-gallju (GaSe) (CAS 12024-11-2);	6C004.a. 6C004.b.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.A6.025	"Substrati grezzi" ta' karbur tas-silikon jew ta' materjali depożitati ta' berillju berillju (Be/Be) ta' dijametru jew tul tal-assi prinċipali ikbar minn 300 mm;	6C004.d.
IX.A6.026	Ħġieġ, inkluż silika mdewba, ħġieġ fosfat, ħġieġ fluworofosfat, fluworur taż-żirkonju (ZrF_4) (CAS 7783-64-4) u fluworur tal-afnju (HfF_4) (CAS 13709-52-9) u li għandu dan kollu li ġej: 1. Konċentrazzjoni tal-jonju idrossili (OH-) ta' inqas minn 5 ppm; 2. Livelli ta' purezza metallika integrata ta' inqas minn 1 ppm; u 3. Omoġeneità għolja (varjazzjoni tal-indiċi ta' rifrazzjoni) ta' inqas minn 5×10^{-6}; (e) Materjal tad-djamant magħmul sintetikament b'assorbiment ta' inqas minn 10^{-5} cm^{-1} għal tul ta' mewġ ogħla minn 200 nm iżda mhux iżjed minn 14 000 nm.	6C004.e.
IX.A6.027	Materjal "laser", kif ġej: (a) Materjal kristallin sintetiku li jospita l-"laser" fil-forma mhux raffinata kif ġej: 1. Żefir miżjud bit-titanju; (b) Fibri miksijin doppjament miżjuda b'metall rare-earth; 1. Tul ta' mewġ tal-output ta' 975 nm sa 1 150 nm u li għandu dan kollu li ġej: a. Dijametru tal-qalba medju daqs jew akbar minn 25 μm; u b. "Apertura Numerika" ("NA") tal-qalba inqas minn 0,065; jew *Nota: L-entrata ta' hawn mhijiex applikabbli għal fibri miksijin doppjament bi ħġieġ ta' dijametru ta' ġewwa akbar minn 150 μm u mhux aktar minn 300 μm.* 2. Tul ta' mewġ nominali li jaqbeż 1 530 nm u li għandu dan kollu li ġej: a. Dijametru tal-qalba medju daqs jew akbar minn 20 μm; u b. "NA" tal-qalba inqas minn 0,1. *Noti tekniċi:* *1. Għall-finijiet tal-entrata ta' hawn fuq, l-"Apertura Numerika" ("NA") tal-qalba titkejjel fil-punt tat-tul tal-mewġ fl-emissjoni tal-fibra.* *2. L-entrata (b) ta' hawn fuq tinkludi fibri mmuntati b'għotjien tat-tarf.*	6C005

IX.A7. *NAVIGAZZJONI U AVJONIĊI*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.A7.001	"Sensuri astrali" u komponenti għalihom, kif ġej: (a) "Sensuri astrali" bi "preċiżjoni" tal-ażimut speċifikata ta' 20 sekonda ta' ark jew inqas (aħjar) matul il-ħajja speċifikata tat-tagħmir; (b) Komponenti ddisinjati apposta għal tagħmir speċifikat fl-entrata (a), kif ġej: 1. Irjus ottiċi jew baffles; 2. Unitajiet tal-ipproċessar tad-*data*. *Nota teknika:* *"Sensuri astrali" huma msemmija wkoll bħala sensuri ta' attitudni stellari jew boxxli ġiroastrali.*	7A004

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.A7.002	Tagħmir li jaqbad ma' Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) li għandu xi wieħed minn dan li ġej u komponenti ddisinjati apposta għalih: (a) Juża algoritmu tad-deċifrar iddisinjat apposta jew modifikat għall-użu mill-gvern biex ikollu aċċess għall-kodiċi tal-kejl tad-distanza għall-pożizzjoni u l-ħin; jew (b) Juża "sistemi ta' antenni adattivi". *Nota: L-entrata (b) mhijiex applikabbli għal tagħmir li jaqbad ma' GNSS li juża biss komponenti ddisinjati biex jiffiltraw, jisswiċċjaw jew jgħaqqdu sinjali minn antenni omnidirezzjonali multipli li ma jimplimentawx teknika ta' antenna adattiva.* *Nota teknika:* *Għall-iskopijiet tal-punt (b), "sistemi ta' antenni adattivi" jiġġeneraw dinamikament sinjal spazjali null wieħed jew aktar f'arranġament ta' antenni permezz tal-proċessar ta' sinjali fid-dominju tal-ħin jew tal-frekwenza.*	7A005
IX.A7.003	Altimetri fl-ajru li jaħdmu fi frekwenzi minbarra 4,2 sa 4,4 GHz inklużi u li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: (a) "Ġestjoni tal-qawwa"; jew (b) Jużaw modulazzjoni ta' spostament tal-faži.	7A006
IX.A7.004	Tagħmir għall-ittestjar, il-kalibrazzjoni jew l-allinjament iddisinjat apposta għat-tagħmir speċifikat fit-taqsima ta' hawn fuq.	7B001
IX.A7.005	Tagħmir iddisinjat apposta sabiex jikkaratterizza l-mirja għal ġiroskopji "laser" biċ-ċrieki, kif ġej: (a) Diffużometri li għandhom "preċiżjoni" fil-kejl ta' 10 ppm jew anqas (aħjar); (b) Profilometri li għandhom "preċiżjoni" fil-kejl ta' 0,5 nm (5 angstrom) jew anqas (aħjar).	7B002
IX.A7.006	Tagħmir iddisinjat apposta għall-"produzzjoni" ta' tagħmir speċifikat f'IN IX.A7. *Nota: Inklużi:* — *Stazzjonijiet tal-ittestjar għall-aġġustament tal-ġiroskopji;* — *Stazzjonijiet għall-ibbilanċjar dinamiku tal-ġiroskopji;* — *Stazzjonijiet tal-ittestjar għar-running-in tal-muturi tal-ġiroskopji;* — *Stazzjonijiet għall-iżvujtar u l-mili tal-ġiroskopji;* — *Muntaġġi ta' ċentrifugazzjoni għal berings tal-ġiroskopji;* — *Stazzjonijiet għall-allinjament tal-assi tal-aċċellerometri;* — *Magni għat-tkebbib ta' kojl tal-ġiroskopji tal-fibra ottika.*	7B003

IX.A8. *MATERJAL NAVALI*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.A8.001	Sistemi, tagħmir u komponenti marittimi, imfasslin apposta jew immodifikati għal vetturi sommerġibbli u mfasslin sabiex jaħdmu f'fond ta' aktar minn 1 000 m, kif ġej: 1. Ħawsings jew bwieq taħt pressjoni bid-dijametru intern massimu tal-kamra ikbar minn 1,5 m;	8A002.a.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	2. Muturi tal-propulsjoni jew ta' sistemi li jimbuttaw li jaħdmu b'kurrent dirett; 3. Kejbils ombelikali, u konnetturi għalihom, li jużaw il-fibra ottika u li għandhom elementi ta' rinforz sintetiċi; 4. Komponenti ffabbrikati minn materjal, kif ġej: "Ragħwa sintattika" mfassla għall-użu taħt wiċċ l-ilma u li għandha dan kollu li ġej: a. Imfasslin sabiex jaħdmu f'fond ta' aktar minn 1 000 m; u b. B'densità ta' anqas minn 561 kg/m^3;	
IX.A8.002	Sistemi mfasslin apposta jew immodifikati għall-kontroll awtomatizzat tal-moviment tal-vetturi sommerġibbli speċifikati hawn fuq, li jużaw *data* tan-navigazzjoni, li għandhom servokontrolli b'ċirkwit magħluq u li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: 1. Li jippermettu li vettura timxi sa 10 m 'l bogħod minn punt predeterminat fil-kolonna tal-ilma; 2. Li jżommu l-pożizzjonament tal-vettura sa 10 m 'l bogħod minn punt predeterminat fil-kolonna tal-ilma; jew 3. Li jżommu l-pożizzjonament tal-vettura sa 10 m 'l bogħod meta jkun qed jiġi segwit kejbil fuq jew taħt qiegħ il-baħar;	8A002.b.
IX.A8.003	Penetraturi tal-fibra ottika tal-buq ta' pressjoni (pressure hull);	8A002.c.
IX.A8.004	"Robots" imfasslin apposta għall-użu taħt wiċċ l-ilma, ikkontrollati bl-użu ta' kompjuter apposta u li għandhom xi wieħed minn dan li ġej: (a) Sistemi li jikkontrollaw ir-"robot" billi jużaw l-informazzjoni minn sensuri li jkejlu l-forza jew it-torque applikat fuq oġġett estern, id-distanza għal oġġett estern, jew il-perċezzjoni tattili bejn ir-"robot" u oġġett estern; jew (b) Il-kapaċità li jeżerċitaw forza ta' 250 N jew aktar jew torque ta' 250 Nm jew aktar u jużaw ligi bbażati fuq it-titanju jew "materjali fibruži jew filamentari" "kompożiti" fil-membri strutturali tagħhom;	8A002.h.
IX.A8.005	Sistemi tal-enerġija indipendenti mill-arja b'magna taċ-ċiklu Stirling, li għandhom dan kollu li ġej: (a) Apparati jew spazji magħluqin, imfasslin apposta għat-tnaqqis tal-ħsejjes taħt wiċċ l-ilma bi frekwenzi ta' inqas minn 10 kHz, jew apparati tal-immuntar speċjali sabiex jittaffew l-impatti; u (b) Sistemi tal-egżost imfasslin apposta li jiskarikaw il-prodotti tal-kombustjoni kontra pressjoni ta' 100 kPa jew aktar;	8A002.j.
IX.A8.006	Sistemi għat-tnaqqis tal-ħoss imfasslin għall-użu fuq bastimenti ta' spostament ta' 1 000 tunnellata jew aktar, kif ġej: (a) Sistemi li jnaqqsu l-ħsejjes taħt wiċċ l-ilma fi frekwenzi ta' inqas minn 500 Hz u li jikkonsistu f'muntaġġi akustiċi komposti għall-iżolament akustiku ta' magni diesel, settijiet ta' ġeneraturi diesel, turbini tal-kombustjoni, settijiet ta' ġeneraturi tat-turbini tal-kombustjoni, muturi ta' propulsjoni jew ingranaġġi għat-tnaqqis tal-propulsjoni, imfasslin apposta għall-iżolament tal-ħoss u l-vibrazzjoni u li għandhom massa intermedja ogħla minn 30 % tat-tagħmir li jrid jiġi mmuntat;	8A002.j.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	(b) "Sistemi attivi ta' tnaqqis jew tneħħija tal-ħsejjes" jew berings manjetiċi, imfasslin apposta għal sistemi ta' trażmissjoni tal-potenza. *Nota teknika:* *Is-"Sistemi attivi ta' tnaqqis jew tneħħija tal-ħsejjes" jinkorporaw sistemi ta' kontrolli elettroniċi li kapaċi jnaqqsu l-vibrazzjoni tat-tagħmir bil-ġenerazzjoni ta' sinjali kontra l-ħsejjes jew kontra l-vibrazzjoni direttament mis-sors.*	

IX.A9. *AJRUSPAZJU U PROPULSJONI*

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.A9.001	Magni b'turbini tal-gass ajrunawtiċi: (a) Li jinkorporaw kwalunkwe mit-"teknoloġiji" speċifikati fil-paragrafu 2 tat-taqsima ta' hawn taħt bit-titolu "Teknoloġija"; jew *Nota 1: Din l-entrata mhijiex applikabbli għal magni b'turbini tal-gass ajrunawtiċi li jissodisfaw dan kollu li ġej:* *(a) Ċertifikati mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili; u* *(b) Maħsubin sabiex iħaddmu "inġenji tal-ajru" nonmilitari b'ekwipaġġ li għalihom inħareġ xi wieħed minn dan li ġej mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili għall-"inġenji tal-ajru" b'dan it-tip speċifiku ta' magna:* *1. Ċertifikat tat-tip ċivili; jew* *2. Dokument ekwivalenti rikonoxxut mill-ICAO.* *Nota 2: Din l-entrata mhijiex applikabbli għal magni ajrunawtiċi b'turbini tal-gass iddisinjati għal Unitajiet ta' Potenza Awżiljarja (Auxiliary Power Units, APUs) approvati mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Istat Membru.* (b) Iddisinjati sabiex iħaddmu "inġenju tal-ajru" sabiex itir b'veloċità ta' Mach 1 jew ogħla, għal iktar minn 30 minuta.	9A001
IX.A9.002	"Magni b'turbini tal-gass marittimi" b'potenza kontinwa nominali skont l-istandard ISO ta' 24 245 kW jew aktar u konsum ta' karburant speċifiku mhux ogħla minn 0,219 kg/kWh fil-medda ta' potenza minn 35 sa 100 %, u assemblaġġi u komponenti ddisinjati apposta għalihom. *Nota: It-terminu "magni b'turbini tal-gass marittimi" jinkludi dawk il-magni b'turbini tal-gass industrijali, jew magni li jħalltu l-gass mal-arja, adattati għall-ġenerazzjoni tal-qawwa elettrika jew għall-propulsjoni ta' bastiment.*	9A002
IX.A9.003	Assemblaġġi jew komponenti ddisinjati apposta, li jinkorporaw xi waħda mit-"teknoloġiji" speċifikati fil-paragrafi 2 tat-taqsima ta' hawn taħt bit-titolu "Teknoloġija", għal xi waħda mill-magni ajrunawtiċi b'turbini tal-gass li ġejjin: (a) Speċifikati fl-entrata 1 hawn fuq; jew (b) Li d-disinn jew l-oriġini tal-produzzjoni tagħhom ma jkunux magħrufin mal-manifattur.	9A003

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.A9.004	Vetturi ta' varar fl-ispazju, “inġenji spazjali”, “assemblaġġi ta' inġenji spazjali”, “inġenji spazjali tat-tagħbija”, sistemi jew tagħmir abbord “inġenji spazjali”, u tagħmir terrestri, kif ġej: (a) Vetturi ta' varar fl-ispazju; (b) “Inġenji spazjali”; (c) “Assemblaġġi ta' inġenji spazjali”; (d) “Inġenji spazjali tat-tagħbija” li jinkorporaw oġġetti speċifikati f'din il-lista; (e) Sistemi jew tagħmir abbord iddisinjati apposta għal “inġenji spazjali” u li għandhom xi waħda mill-funzjonijiet li ġejjin: 1. “Il-kmand u l-ipproċessar tad-*data* tat-telemetrija”; (f) Tagħmir terrestri, iddisinjat apposta għal “vetturi spazjali”, kif ġej: 1. Tagħmir ta' telekmand u telemetrija; 2. Simulaturi.	9A004
IX.A9.005	Sistemi ta' propulsjoni rokit bi propellant likwidu.	9A005
IX.A9.006	Sistemi u komponenti, iddisinjati apposta għal sistemi ta' propulsjoni ta' rokits bi propellant likwidu, kif ġej: (a) Refriġeraturi krijoġeniċi, kontenituri ħfief, pajpijiet tat-tisħin krijoġeniċi jew sistemi krijoġeniċi, iddisinjati apposta għal użu f'vetturi spazjali u li kapaċi jirrestriġu t-telf ta' fluwidu krijoġeniku għal inqas minn 30 % fis-sena; (b) Kontenituri krijoġeniċi jew sistemi ta' refriġerazzjoni b'ċiklu magħluq, li kapaċi jipprovdu temperaturi ta' 100 K (-173 °C) jew anqas għal “inġenji tal-ajru” li kapaċi jtiru b'veloċità sostnuta ogħla minn Mach 3, vetturi ta' varar jew “inġenji spazjali”; (c) Sistemi ta' ħażna jew ta' trasferiment ta' idroġenu semilikwidu; (d) Turbopompi bi pressjoni għolja (ogħla minn 17,5 MPa), komponenti tal-pompi jew is-sistemi assoċjati tagħhom ta' ġeneraturi tal-gass jew ta' trażmissjoni ta' qawwa permezz ta' turbini b'ċiklu ta' espansjoni; (e) Kompartimenti ta' spinta bi pressjoni għolja (ogħla minn 10,6 MPa) u ż-żennuni għalihom; (f) Sistemi ta' ħażna ta' propellant li jużaw il-prinċipju ta' kontenjment kapillari jew ta' espulsjoni pożittiva (jiġifieri, bi bżieżaq flessibbli); (g) Injettaturi ta' propellant likwidu b'toqob individwali b'dijametru ta' 0,381 mm jew inqas (erja ta' $1{,}14 \times 10^{-3}$ cm^2 jew inqas għal toqob mhux fl-għamla ta' ċirku) u ddisinjati apposta għal magni rokit bi propellant likwidu; (h) Kompartimenti ta' spinta karbonju-karbonju f'biċċa waħda jew koni tal-ħruġ karbonju-karbonju f'biċċa waħda, b'densitajiet ogħla minn 1,4 g/cm^3 u reżistenza għat-tensjoni ogħla minn 48 MPa	9A006
IX.A9.007	Sistemi ta' propulsjoni rokit bi propellant solidu.	9A007
IX.A9.008	Komponenti ddisinjati apposta għal sistemi ta' propulsjoni ta' rokits bi propellant solidu, kif ġej:	9A008

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	(a) Sistemi ta' rbit tal-iżolazzjoni u tal-propellant, li jużaw kisjiet sabiex jipprovdu "rbit mekkaniku qawwi" jew ostaklu għall-migrazzjoni kimika bejn il-propellant solidu u l-materjal ta' iżolazzjoni tal-kontenitur; (b) Kontenituri tal-muturi "kompożiti" mdawrin b'filament ta' dijametru ikbar minn 0,61 m jew ta' "proporzjonijiet ta' effiċjenza strutturali (PV/W)" ta' iktar minn 25 km; *Nota teknika:* *"Proporzjon ta' effiċjenza strutturali (PV/W)" huwa l-pressjoni tat-tifqigħ (P) immultiplikata bil-volum tal-kontenitur (V) diviż bil-piż totali (W) tal-kontenitur tal-pressjoni.* (c) Żennuni b'livelli ta' spinta ogħla minn 45 kN jew rati ta' tgħawwir tal-għenuq taż-żennuni ta' inqas minn 0,075 mm/s; (d) Żennuni li jistgħu jiċċaqalqu jew sistemi ta' kontroll tal-vettur tal-ispinta b'injezzjoni sekondarja ta' fluwidu, li kapaċi jwettqu xi wieħed minn dan li ġej: 1. Moviment ta' iżjed ± 5° fuq l-assi kollha; 2. Rotazzjonijiet angulari tal-vettur ta' 20°/s jew aktar; jew 3. Aċċellerazzjonijiet angulari tal-vettur ta' 40°/s^2 jew aktar.	
IX.A9.009	Sistemi ta' propulsjoni rokit bi propellant ibridu.	9A009
IX.A9.010	Komponenti, sistemi u strutturi ddisinjati apposta, għal vetturi tal-varar, sistemi ta' propulsjoni għal vetturi tal-varar jew "inġenji spazjali", kif ġej: (a) Komponenti u strutturi, iddisinjati apposta għas-sistemi ta' propulsjoni għall-vetturi tal-varar speċifikat manifatturati bl-użu ta' kwalunkwe minn dawn li ġejjin: 1. "Materjali fibruži jew filamentari" 2. Materjali "kompożiti" "matriċi" tal-metall; jew 3. Materjali "kompożiti" "matriċi" taċ-ċeramika.	9A010
IX.A9.011	"Vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ" (Unmanned Aerial Vehicles, "UAVs"), "iġfna tal-ajru" bla ekwipaġġ, tagħmir u komponenti relatati, kif ġej: (a) "UAVs" jew "iġfna tal-ajru" bla ekwipaġġ, iddisinjati sabiex ikollhom titjira kkontrollata 'l barra mill-"viżjoni naturali" diretta tal-"operatur" u jkollhom kwalunkwe minn dawn li ġejjin: 1. Għandhom dan kollu li ġej: a. "Durabbiltà" massima ikbar minn jew ugwali għal 30 minuta iżda inqas minn sieħa; u b. Iddisinjat biex jinqata' mill-art u jkollu titjira kontrollata stabbli f'buffuri ta' riħ ugwali għal jew iktar minn 46,3 km/h (25 knots); jew 2. "Durabbiltà" massima ta' sieħa jew iktar; *Noti tekniċi:* *1. Għall-finijiet tal-entrata ta' hawn fuq, "operatur" huwa persuna li tibda jew tikkmanda t-titjira tal-"UAV" jew tal-"ġifen tal-ajru" mingħajr ekwipaġġ.* *2. Għall-finijiet tal-entrata ta' hawn fuq, "durabbiltà" għandha tiġi kkalkulata għall-kundizzjonijiet tal-Atmosfera internazzjonali standard (ISA) (ISO 2533:1975) fil-livell tal-baħar fl-ebda riħ.* *3. Għall-finijiet tal-entrata ta' hawn fuq, "viżjoni naturali" tfisser il-vista ta' bniedem mingħajr għajnuna, b'lentijiet korrettivi jew mingħajrhom.*	9A012

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	(b) Tagħmir u komponenti relatati, kif ġej: 1. Tagħmir jew komponenti, iddisinjati apposta sabiex jikkonvertu "inġenju tal-ajru" bl-ekwipaġġ jew "ġifen tal-ajru" bl-ekwipaġġ, għal "UAV" jew "inġenju tal-ajru" mingħajr ekwipaġġ, speċifikati fl-entrata (a) ta' hawn fuq; 2. Magni aerobiċi reċiprokanti jew tat-tip ta' kombustjoni interna rotatorji, iddisinjati apposta jew immodifikati biex iħaddmu "UAVs" jew "iġfna tal-ajru" bla ekwipaġġ, f'altitudnijiet ta' iktar minn 15 240 metru (50 000 pied).	
IX.A9.012	Sistemi ta' kontroll onlajn (fil-ħin reali), strumentazzjoni (inklużi sensuri) jew tagħmir awtomatizzat għall-akkwiżizzjoni u l-ipproċessar tad-*data*, iddisinjati apposta għall-"iżvilupp" ta' magni, assemblaġġi jew komponenti ta' turbini tal-gass u li jinkorporaw kwalunkwe mit-"teknoloġiji" speċifikati fil-paragrafu 2 (b) jew 2 (c) tat-taqsima ta' hawn taħt bit-titolu "Teknoloġija".	9B002
IX.A9.013	Tagħmir iddisinjat apposta għall-"produzzjoni" jew l-ittestjar ta' siġilli ta' pinzell ta' turbini tal-gass iddisinjati apposta sabiex jaħdmu f'veloċitajiet tat-truf ogħla minn 335 m/s u f'temperaturi ogħla minn 773 K (500°C), u komponenti jew aċċessorji ddisinjati apposta għalih.	9B003
IX.A9.014	Għodod, mastri jew muntaġġi għall-assemblaġġ fl-istat solidu ta' kombinazzjonijiet mill-paletta sad-diska ta' "superliega", tat-titanju jew intermetalliċi deskritti fil-paragrafu 2 tat-taqsima ta' hawn taħt bit-titolu "Teknoloġija" għal turbini tal-gass.	9B004
IX.A9.015	Sistemi ta' kontroll online (fil-ħin reali), strumentazzjoni (inklużi sensuri) jew tagħmir awtomatizzat għall-akkwiżizzjoni u l-ipproċessar tad-*data*, iddisinjati apposta għall-użu fil-mini tar-riħ iddisinjati għal veloċità ta' Mach 1,2 jew aktar.	9B005
IX.A9.016	Tagħmir tal-ittestjar tal-vibrazzjoni akustika li kapaċi jipproduċi livelli ta' pressjoni ta' ħoss ta' 160 dB jew aktar (referenzat għal 20 Pa) b'potenza tal-output nominali ta' 4 kW jew aktar f'temperatura taċ-ċellola tal-ittestjar ogħla minn 1 273 K (1 000°C), u tagħmir tat-tisħin kwarz iddisinjat apposta għalih.	9B006
IX.A9.017	Tagħmir iddisinjat apposta għall-ispezzjonar tal-integrità ta' muturi rokit u li juża teknika tal-ittestjar nondistruttiv (Non-Destructive Test, NDT) minbarra l-analiżi planari bir-raġġi X jew analiżi bażika fiżika jew kimika.	9B007
IX.A9.018	Transdjusers li jkejlu direttament il-frizzjoni mal-qoxra tal-ħajt iddisinjati apposta biex joperaw fi fluss ta' test b'temperatura (ta' staġnar) totali ogħla minn 833 K (560 °C).	9B008
IX.A9.019	Għodod iddisinjati apposta għall-produzzjoni ta' komponenti li jduru bil-metallurġija tat-trab ta' magni b'turbini tal-gass li għandhom dan kollu li ġej: (a) Iddisinjati biex jaħdmu f'livelli ta' tensjoni ta' 60 % ta' limitu ta' reżistenza għat-tensjoni (UTS) jew aktar imkejla f'temperaturi ta' 873 K (600 °C); u (b) Iddisinjati biex jaħdmu f'temperatura ta' 873 K (600 °C) jew aktar. *Nota: L-entrata ta' hawn fuq ma tispeċifikax l-għodod għall-produzzjoni ta' trabijiet.*	9B008

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.A9.020	Tagħmir iddisinjat apposta għall-produzzjoni ta' oġġetti speċifikati f'"Vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ" ("UAVs"), "iġfna tal-ajru" bla ekwipaġġ u komponenti.	9B010

B. **SOFTWER**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.B.001	"Softwer" imfassal jew immodifikat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' tagħmir speċifikat f'X.A1.	1D001 1D002 1D003
IX.B.002	"Softwer" għall-"iżvilupp" tal-materjal speċifikat f'IX.A1.	1D001 1D002 1D003
IX.B.003	"Softwer" iddisinjat jew immodifikat apposta sabiex jippermetti li t-tagħmir mhux elenkat iwettaq il-funzjonijiet ta' kwalunkwe tagħmir speċifikat f'IX.A1.	1D001 1D002 1D003
IX.B.004	"Softwer" imfassal jew immodifikat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tat-tagħmir speċifikat f'IX.A2	2D001
IX.B.005	"Softwer" iddisinjat jew immodifikat apposta sabiex jippermetti li t-tagħmir mhux elenkat jiffunzjona bħala tagħmir speċifikat IX.A2	2D003 2D101 2D202
IX.B.006	"Softwer", iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tat-tagħmir speċifikat f'IX.A3.	3D001 3D002 3D003
IX.B.007	"Softwer" iddisinjat jew immodifikat apposta sabiex jippermetti li t-tagħmir mhux elenkat jiffunzjona bħala tagħmir speċifikat f'IX.A3	3D001 3D002 3D003
IX.B.008	"Softwer", iddisinjat apposta għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tat-tagħmir speċifikat f'IX.A6.	6D001 6D003 6D002 6D102 6D203 6D203
IX.B.009	"Softwer" iddisinjat jew immodifikat apposta sabiex jippermetti li t-tagħmir mhux elenkat jiffunzjona bħala tagħmir speċifikat f'IX.A6.	6D001 6D003 6D002 6D102 6D203 6D203

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.B.010	“Softwer” imfassal jew immodifikat għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta' tagħmir speċifikat f'IX.A7.	7D001 7D002 7D003 7D004 7D005 7D102 7D103 7D104
IX.B.011	“Softwer” iddisinjat jew immodifikat apposta sabiex jippermetti li t-tagħmir mhux elenkat jiffunzjona bħala tagħmir speċifikat f'IX.A7.	7D001 7D002 7D003 7D004 7D005 7D102 7D103 7D104
IX.B.012	“Kodiċi tas-sors” għat-tħaddim jew il-manutenzjoni tat-tagħmir speċifikat f'IX.A7.	7D001 7D002 7D003 7D004 7D005 7D102 7D103 7D104
IX.B.013	“Softwer” ta' Disinn bl-Għajnuna tal-Kompjuter (CAD) iddisinjat apposta għall-“iżvilupp” ta' “sistemi ta' kontroll attiv tat-titjir”, kontrolluri tat-titjir bl-elettriku jew bil-fibra ottika multiassjali għall-ħelikopters jew “sistemi antitorque bil-kontroll taċ-ċirkulazzjoni jew kontroll tad-direzzjoni bil-kontroll taċ-ċirkulazzjoni” għall-ħelikopters.	7D001 7D002 7D003 7D004 7D005 7D102 7D103 7D104
IX.B.014	“Softwer” imfassal jew immodifikat apposta għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta' tagħmir speċifikat f'IX.A9.	9D001 9D002 9D003 9D004 9D005 9D101 9D103 9D104 9D105

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.B.015	“Softwer” iddisinjat jew immodifikat apposta sabiex jippermetti li t-tagħmir mhux elenkat jiffunzjona bħala tagħmir speċifikat f'IX.A9.	9D001 9D002 9D003 9D004 9D005 9D101 9D103 9D104 9D105

C. **TEKNOLOĠIJA**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
IX.C.001	“Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, “il-produzzjoni” jew l-“użu” tat-tagħmir jew softwer speċifikati f'IX.A1.	2E001
IX.C.002	“Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, “il-produzzjoni” jew l-“użu” tat-tagħmir jew materjali speċifikati f'IX.A3.	3E001 3E003 3E101 3E102 3E201
IX.C.003	“Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, “il-produzzjoni” u l-“użu” tat-tagħmir jew softwer speċifikati f'IX.A7.	7E001 7E002 7E003 7E004 7D005 7E101 7E102 7E104
IX.C.004	“Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, “il-produzzjoni” jew l-“użu” tat-tagħmir jew softwer, speċifikati f'IX.A9.	9E001 9E002
IX.C.005	“Teknoloġija” oħra, kif ġej: (a) “Teknoloġija” “meħtieġa” għall-“iżvilupp” jew il-“produzzjoni” ta' xi wieħed mill-komponenti jew is-sistemi għall-magni b'turbini tal-gass li ġejjin: 1. Pali, paletti jew “karenaturi tat-tarf”, magħmulin minn ligi solidifikati direzzjonalment (directionally solidified, DS) jew monokristallini (single crystal, SC) u li għandhom (fid-Direzzjoni tal-Indiċi Miller 001) ħajja sa ma jinqasmu taħt stress ta' aktar minn 400 siegħa f'temperatura ta' 1 273 K (1 000°C) u pressjoni ta' 200 MPa, ibbażati fuq il-valuri medji tal-karatteristiċi; 2. Kompartimenti tal-kombustjoni b'xi wieħed minn dan li ġej: a. “Kisjiet diżakkoppjati termalment” iddisinjati biex jaħdmu f'“temperatura ta' ħruġ tal-kompartimenti tal-kombustjoni” li jaqbżu 1 883 K (1 610°C);	9E003.a.

▼**M25**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	b. Kisjiet mhux metalliċi; c. Qxur mhux metalliku; jew d. Kisjiet iddisinjati biex jaħdmu f'"temperatura ta' ħruġ tal-kompartimenti tal-kombustjoni" li taqbeż 1 883 K (1 610°C) u li għandhom toqob li jissodisfaw il-parametri speċifikati f'9E003.c.; 3. Komponenti manifatturati minn xi wieħed minn dan li ġej: a. Materjali organiċi "kompożiti" ddisinjati sabiex jaħdmu f'temperaturi ogħla minn 588 K (315 °C); b. Magħmula minn xi wieħed minn dan li ġej: 1. "Kompożiti" b'"matriċi" tal-metall; jew 2. "Kompożiti" b'"matriċi" taċ-ċeramika; jew c. Partijiet stazzjonarji, paletti, pali, siġilli ta' truf (karenaturi), blings b'rotazzjoni, blisks b'rotazzjoni jew "katusi li jiftħu fi tnejn", li għandhom dan kollu li ġej: 1. Mhux speċifikati hawn fuq; 2. Iddisinjati għall-kompressuri jew ventilaturi; u 3. Immanifatturati minn materjal "materjali fibrużi jew filamentari" b'reżini; 4. Pali tat-turbini mhux imkessħin, paletti, jew "karenaturi tat-tarf", iddisinjati biex joperaw f'"temperaturi tal-mogħdija tal-gass" ta' 1 373 K (1 100°C) jew aktar; 5. Pali tat-turbini mkessħin, paletti, "karenaturi tat-tarf", iddisinjati sabiex joperaw f'"temperatura tal-mogħdija tal-gass" ta' 1 693 K 1 420°C) jew aktar; 6. Kombinazzjonijiet ta' pali mill-paletta sad-diska mgħaqqdin permezz ta' rabta fi stat solidu; 7. Komponenti tal-magni b'turbina tal-gass li jużaw it-"teknoloġija" tal-"irbit bid-diffużjoni"; 8. Komponenti li jduru ta' magni b'turbini tal-gass "tolleranti għall-ħsara" li jużaw materjali miksuba bil-metallurġija tat-trab; 9. Pali vojta tal-fannijiet.	
	Isem il-bastiment	Numru tal-OMI	Data tad-dežinjazzjoni min-NU
25.	YUK TUNG Informazzjoni oħra: Il-B/M YUK TUNG involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-B/M RYE SONG GANG f'Jannar 2018.	9030591	30.3.2018
26.	KOTI Informazzjoni oħra: Il-B/M KOTI involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-B/M KUM UN SAN 3 fid-9 ta' Diċembru 2017.	9417115	30.3.2018
27.	DONG FENG 6 Informazzjoni oħra: Il-B/M DONG FENG 6 għabba faħam tar-RDPK f'Hamhung, ir-RDPK, fil-11 ta' Lulju 2017, għall-esportazzjoni bi ksur tas-sanzjonijiet tan-NU.	9008201	30.3.2018
28.	HAO FAN 2 Informazzjoni oħra: Il-B/M HAO FAN 2 għabba faħam tar-RDPK f'Nampo, ir-RDPK, fil-3 ta' Ġunju 2017, għall-esportazzjoni bi ksur tas-sanzjonijiet tan-NU.	8747604	30.3.2018
29.	HAO FAN 6 Informazzjoni oħra: Il-B/M HAO FAN 6 għabba faħam tar-RDPK f'Nampo, ir-RDPK, fis-27 ta' Awwissu 2017.	8628597	30.3.2018
30.	JIN HYE Informazzjoni oħra: Il-B/M JIN HYE involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-B/M CHON MA SAN fis-16 ta' Diċembru 2017.	8518572	30.3.2018
31.	FAN KE Informazzjoni oħra: Il-B/M FAN KE għabba faħam tar-RDPK f'Nampo, RDPK, f'Settembru/Ottubru 2017.	8914934	30.3.2018
32.	WAN HENG 11 Informazzjoni oħra: M/V WAN HENG 11 involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, ma' M/V RYE SONG GANG 1 fit-13 ta' Frar 2018. Wan Heng 11, bastiment li qabel kien itajjar il-bandiera ta' Belize, issa qed jopera bħala bastiment li jtajjar il-bandiera tar-RDPK msemmi KUMJINGANG3 jew Kum Jin Gang 3.	8791667	30.3.2018
33.	MIN NING DE YOU 078 Informazzjoni oħra: B/M MIN NING DE YOU involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, ma' B/M YU JONG 2 fis-16 ta' Frar 2018.	Ma jeżistix	30.3.2018

▼**M22**

	Isem il-bastiment	Numru tal-OMI	Data tad-dežinjazzjoni min-NU
34.	**SHANG YUAN BAO** Il-bastiment merkantili M/V SHANG YUAN BAO kien involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-bastiment tar-RDPK iddeżinjat min-NU M/V PAEK MA fit-18 ta' Mejju, 2018. Ix-SHANG YUAN BAO kien involut ukoll fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mal-bastiment tar-RDPK MYONG RYU 1 fit-2 ta' Ġunju, 2018.	8126070	16.10.2018
35.	**NEW REGENT** M/V NEW REGENT kien involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, mat-tanker taż-żejt tar-RDPK KUM UN SAN 3 fis-7 ta' Ġunju, 2018.	8312497	16.10.2018
36.	**KUM UN SAN 3** It-tanker taż-żejt tar-RDPK KUM UN SAN 3 kien involut fi trasferiment minn vapur għal vapur, aktarx ta' żejt, ma' M/V NEW REGENT fis-7 ta' Ġunju, 2018.	8705539	16.10.2018

▼B

ANNESS XV

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 34(1) u 34(3)

(a) Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
▼M29				
1.	CHON Chi Bu (CHON Chi-bu)	Ġeneru: maskil	22.12.2009	Membru tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika, eks direttur tekniku ta' Yongbyon. Ritratti rabtuh ma' reattur nukleari fis-Sirja qabel ma ġie bbumbardjat minn Iżrael fl-2007.
2.	HYON Chol-hae (magħruf ukoll bħala HYON Chol Hae)	Data tat-Twelid: 13.8.1934 Post tat-Twelid: Manchuria, iċ-Ċina Ġeneru: maskil	22.12.2009	Marixxall tal-Armata Militari tal-Poplu Korean minn April 2016. Eks Viċi Ministru għall-Forzi Armati tal-Poplu, eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean (konsulent militari tal-mejjet Kim Jong-Il). Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
3.	O Kuk-Ryol (magħruf ukoll bħala O Kuk Ryol)	Data tat-Twelid: 7.1.1930 Post tat-Twelid: il-Provinċja ta' Jilin, iċ-Ċina. Ġeneru: maskil	22.12.2009	Eks Viċi President tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet tad-difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġie rrifurmat fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (State Affairs Commission, SAC), li tissorvelja l-akkwist barra mill-pajjiż ta' teknoloġija avvanzata għal programmi nukleari u ballistiċi. Eks Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
4.	PAK Jae-gyong (magħruf ukoll bħala Chae-Kyong; PAK Jae Gyong)	Data tat-Twelid: 10.6.1933 Numru tal-passaport: 554410661 Ġeneru: maskil	22.12.2009	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Poplu u eks Viċi Direttur tal-Uffiċċju tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Poplu (Konsulent militari tal-mejjet Kim Jong-Il). Kien preżenti waqt l-ispezzjoni ta' KIM Jong Un tal-Kmand tal-Forzi Ballistiċi Strateġiċi. Eks Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. President tal-Kumitat Korean tal-Veterani kontra l-Imperjaliżmu.

▼**M29**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
5.	RYOM Yong	Ġeneru: maskil	22.12.2009	Direttur tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità ddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti) responsabbli mir-relazzjonijiet internazzjonali.
6.	SO Sang-kuk (magħruf ukoll bħala SO Sang Kuk)	Data tat-twelid: bejn l-1932 u l-1938 Ġeneru: maskil	22.12.2009	Kap tad-Dipartiment tal-Fiżika Nukleari, Università Kim Il Sung.
7.	Logutenent Ġenerali KIM Yong Chol (magħruf ukoll bħala: KIM Yong-Chol; KIM Young-Chol; KIM Young-Cheol; KIM Young-Chul)	Data tat-Twelid: 1946 Post tat-Twelid: Pyongan-Pukto, RDPK Ġeneru: maskil	19.12.2011	Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea; tal-Politburo u l-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea. Eks Kmandant tar-Reconnaissance General Bureau (RGB), entità sanzjonata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Eks Direttur tad-Dipartiment tal-Front Magħqud.
8.	CHOE Kyong-song (magħruf ukoll bħala CHOE Kyong song)	Data tat-Twelid: 1945 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Kurunell Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
9.	CHOE Yong-ho (magħruf ukoll bħala CHOE Yong Ho)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Kurunell Ġeneral fl-Armata tal-Poplu Korean/Ġeneral tal-Forzi tal-Ajru tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Kmandant tal-Forzi tal-Ajru tal-Armata tal-Poplu tal-Korea u tal-Forzi Kontra l-Inġenji tal-Ajru. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

▼**M29**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
10.	HONG Sung-Mu (magħruf ukoll bħala HUNG Sun Mu; HONG Sung Mu)	Data tat-Twelid: 1.1.1942 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Il-Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjonijiet (Munitions Industry Department, MID). Inkarigat mill-iżvilupp ta' programmi dwar armi konvenzjonali u missili, inklużi l-missili ballistiċi. Wieħed mill-persuni ewlenin responsabbli għall-programmi għall-iżvilupp industrijali tal-armi nukleari. Bħala tali, responsabbli għal programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Kien xhud għall-illanċjar tal-missila ballistika interkontinentali Hwasong-15 fit-28 ta' Novembru 2017.
11.	JO Kyongchol (magħruf ukoll bħala JO Kyong Chol)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Direttur tal-Kmand Militari tas-Sigurtà. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Akkumpanja lil Kim Jong Un għall-akbar taħriġ li qatt sar tal-artillerija li twassal fit-tul.
12.	KIM Chun-sam (magħruf ukoll bħala KIM Chun Sam)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral Logutenent, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li huwa l-korp ewlieni għall-kwistjonijiet marbutin mad-difiża nazzjonali fir-RDPK. Eks Direttur tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Kwartieri Ġenerali Militari tal-Armata tal-Poplu Korean u l-ewwel viċi kap tal-Kwartieri Militari. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
13.	KIM Chun-sop (magħruf ukoll bħala KIM Chun Sop)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Eks Direttur tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjonijiet (Munitions Industry Department, MID). Eks membru tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li issa ġiet irriformata fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Kien f'sessjoni tar-ritratti għal dawk li kkontribwew għas-suċċess tat-test SLBM f'Mejju 2015.

▼M29

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
14.	KIM Jong-gak (magħruf ukoll bħala KIM Jong Gak)	Data tat-Twelid: 20.7.1941 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Ġeneru: maskil	20.5.2016	Eks Direttur tad-Dipartiment Politiku Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean. Viċi Marixxall fl-Armata tal-Poplu Korean, rettur tal-Università Militari ta' Kim Il-Sung, eks Ministru għall-Forzi Armati tal-Poplu u eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
15.	KIM Rak Kyom (magħruf ukoll bħala KIM Rak-gyom; KIM Rak Gyom)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral b'Erba' Stilel, Kmandant tal-Forzi Ballistiċi Strateġiċi, entità dežinjata min-Nazzjonijiet Uniti, li hu rappurtat li issa jikkmanda erba' unitajiet strateġiċi u tekniċi tal-missili, inkluża l-brigata KN-08 (ICBM). Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Rapporti fil-mezzi tax-xandir identifikaw lil KIM bħala li attenda t-test tal-magni tal-ICBM li sar f'April 2016 ma' KIM Jong Un. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Ordna t-taħriġ tal-isparar tal-missili ballistiċi.
16.	KIM Won-hong (magħruf ukoll bħala KIM Won Hong)	Data tat-Twelid: 7.1.1945 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Nru tal-passaport: 745310010 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral. Eks Viċi Direttur Ewlieni tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurtà tal-Istat. Eks Ministru għas-Sigurtà tal-Istat. Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġiet mibdula għall-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li huma l-korpi ewlenin għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

▼**M29**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
17.	PAK Jong-chon (magħruf ukoll bħala PAK Jong Chon)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral fl-Armata tal-Poplu Korean, Kap tal-Persunal Ġenerali minn April 2019; membru tal-Politburo minn April 2020. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
18.	LI Yong-ju (magħruf ukoll bħala RI Yong Ju)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ammirall tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Kap Kmandant tal-Forzi Navali tal-Poplu Korean li huma involuti fl-iżvilupp ta' programmi ta' Missili Ballistiċi u fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet nukleari tal-forzi navali tar-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
19.	SON Chol-ju (magħruf ukoll bħala SON Chol Ju)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Viċi Direttur responsabbli għall-organizzazzjoni tal-Armata tal-Poplu tal-Korea u eks Direttur Politiku tal-forzi tal-Ajru u ta' Kontra l-ajru, li tissorvelja l-iżvilupp ta' rokits modernizzati kontra l-inġenji tal-ajru. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
20.	YUN Jong-rin (magħruf ukoll bħal YUN Jong Rin)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral, eks kmandant tal-Kmand tal-Gwardja Suprema. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u membru tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġiet mibdula għall-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li huma l-korpi ewlenin kollha għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

▼**M29**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
21.	HONG Yong Chil	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Il-Viċi Direttur tal-Machine-Building Industry Department (MBID). Id-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjonijiet — elenkat mill-KSNU fit-2 ta' Marzu 2016— huwa involut f'aspetti ewlenin tal-programm tal-missili tar-RDPK. L-MID huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-iżvilupp tal-missili ballistiċi tar-RDPK, inkluża t-Taepo Dong-2, il-produzzjoni ta' armi u ta' programmi ta' Riċerka u Żvilupp. It-Tieni Kumitat Ekonomiku u s-Second Academy of Natural Sciences — ukoll indikati f'Awwissu 2010 — huma subordinati għall-MID. Fis-snin reċenti l-MID ħadem biex jiżviluppa l-KN08 road-mobile ICBM. HONG akkumpanja lil KIM Jong Un f'għadd ta' attivitajiet relatati mal-iżvilupp tal-programmi tal-armi nukleari u tal-missili ballistiċi tar-RDPK u hu mifhum li kellu rwol sinifikanti fit-test nukleari tar-RDPK tas-6 ta' Jannar 2016. Viċi Direttur tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Kien preżenti fuq il-post għat-test tal-ġett b'magna tat-tip ICBM ġdida f'April 2016.
22.	RI Hak Chol (magħruf ukoll bħala RI Hak Chul, RI Hak Cheol)	Data tat-Twelid: 19.1.1963 jew 8.5.1966 Passaport: 381320634; PS-563410163 Ġeneru: maskil	20.5.2016	President tal-Green Pine Associated Corporation ("Green Pine"). Skont il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU, il-Green Pine ħadet f'idejha ħafna mill-attivitajiet tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). Il-KOMID ġiet elenkata mill-Kumitat f'April 2009 u hija l-kummerċjant ewlieni ta' armi tar-RPDK u wkoll l-esportatur prinċipali ta' prodotti u tagħmir marbuta mal-missili ballistiċi u l-armi konvenzjonali. Il-Green Pine hija responsabbli wkoll għal kważi nofs l-armi u l-materjal esportati mir-RDPK. Il-Green Pine ġiet identifikata minħabba l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mir-RDPK. Il-Green Pine tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' inġenji u armamenti militari marittimi, bħal sottomarini, dgħajjes militari u sistemi ta' missili, u esportat torpedos u assistenza teknika lill-impriżi Iranjani relatati mad-difiża. Il-Green Pine ġiet indikata mill-KSNU.

▼**M29**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
23.	YUN Chang Hyok	Data tat-Twelid: 9.8.1965 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Viċi Direttur taċ-Ċentru tal-Kontroll tas-Satelliti, in-National Aerospace Development Administration (NADA). In-NADA hija soġġetta għal sanzjonijiet taħt il-UNSCR 2270 (2016) għall-involviment fl-iżvilupp tar-RDPK ta' xjenza u teknoloġija tal-ispazju, inkluż it-tluqħ ta' satelliti u rokits li jġorru missili. Il-UNSCR 2270 (2016) ikkundannat it-tluqħ tas-satellita tar-RDPK tas-7 ta' Frar 2016 minħabba l-użu ta' teknoloġija tal-missili ballistiċi u minħabba li kien fi ksur serju tar-riżoluzzjonijiet 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), u 2094 (2013). Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
24.	RI Myong Su	Data tat-Twelid: 1937 Post tat-Twelid: Myongchon, Tramuntana ta' Hamgyong, ir-RDPK Ġeneru: maskil	7.4.2017	Viċi Marixxall tal-Armata tal-Poplu Korean, l-ewwel viċi kmandant tal-Kmand Suprem tal-Armata tal-Poplu Korean. Sal-2018, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati tal-Poplu. Ri Myong Su għadu influwenti fi kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali inkluż il-programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Ri ilu żmien twil membru tal-Assemblea Suprema tal-Poplu (SPA); li bħalissa hija l-14-il waħda.
25.	SO Hong Chan	Data tat-Twelid: 30.12.1957 Post tat-Twelid: Kangwon, RDPK Passaport: PD836410105 Data ta' skadenza tal-passaport: 27.11.2021 Ġeneru: maskil	7.4.2017	L-ewwel Viċi Ministru u Direttur tal-Uffiċċju tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Poplu, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Ġeneral fil-Forzi Armati tal-Poplu. F'din il-kariga, So Hong Chan huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.
26.	WANG Chang Uk	Data tat-Twelid: 29.5.1960 Ġeneru: maskil	7.4.2017	Ministru għall-Industrija u l-Enerġija Atomika. F'din il-kariga, Wang Chang Uk huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.

▼M29

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
27.	JANG Chol	Data tat-Twelid: 31.3.1961 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Numru tal-passaport: 563310042 Ġeneru: maskil	7.4.2017	Eks president tal-Akkademja tax-Xjenza tal-Istat, organizzazzjoni dedikata għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u xjentifiċi tar-RDPK. F'din il-kapaċità, Jang Chol kellu pożizzjoni strateġika għall-iżvilupp ta' attivitajiet nukleari tar-RDPK. Bħala tali, responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

▼M11

_____

▼M27

_____

▼B

(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
1.	Korea Pugang mining and Machinery Corporation ltd		22.12.2009	Sussidjarja tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità magħżula mill-KSNU, 24.4.2009); topera faċilitajiet għall-produzzjoni ta' trab tal-aluminju, li jista' jintuża għall-missili.
▼M29 2.	Korean Ryengwang Trading Corporation magħrufa ukoll bħala KOREA RAYONGWANG TRADING CORPORATION	Rakwon-dong, Pothonggang District, Pyongyang, RDPK	22.12.2009	Sussidjarja tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità ddežinjata mill-KSNU, 24.4.2009).
▼B 3.	Sobaeku United Corp (magħrufa wkoll bħala Sobaeksu United Corp.)		22.12.2009	Kumpannija Statali, involuta fir-riċerka jew l-akkwist ta' prodotti jew ta' tagħmir sensittiv. Hija għandha diversi depożiti ta' grafita naturali li jipprovdu bil-materja prima lil żewġ fabbriki ta' proċessar li jipproduċu partikolarment blokki tal-grafita li jistgħu jintużaw fil-qasam ballistiku.
4.	Ċentru ta' Riċerka Nukleari ta' Yongbyon		22.12.2009	Ċentru ta' riċerka li pparteċipa fil-produzzjoni ta' plutonju ta' kwalità militari. Ċentru li jiddependi mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità magħżula mill-KSNU, 16.7.2009).

▼B

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-dežinja-zzjoni	Raġunijiet
▼M11 _____				
▼M5 ►M19 5. ◄	Armata tal-Poplu Korean		16.10.2017	L-Armata tal-Poplu Korean tinkludi l-Forza tal-Missili Strateġiċi, li tikkontrolla l-unitajiet tal-missili strateġiċi konvenzjonali u nukleari tar-RDPK. Il-Forza tal-Missili Strateġiċi ġiet elenkata mir-Riżoluzzjoni 2356 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼B

(c) Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 34(4)

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinja-zzjoni	Raġunijiet
▼M29 1.	JON Il-chun (magħruf ukoll bħala JON Il Chun)	Data tat-Twelid: 24.8.1941 Ġeneru: maskil	22.12.2010	Fi Frar tal-2010, KIM Tong-un tkeċċa mill-kariga tiegħu ta' direttur tal-"Uffiċċju 39", li huwa, fost affarijiet oħra, inkarigat mix-xiri ta' prodotti mir-rappreżentanzi diplomatiċi tar-RDPK billi jevita s-sanzjonijiet. Huwa ġie sostitwit minn JON Il-chun. Rappreżentant tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet tad-difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġie rriformat fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (State Affairs Commission, SAC), ġie elett direttur ġenerali tal-Bank għall-Iżvilupp Statali f'Marzu 2010. Membru supplenti tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
2.	KIM Tong-un (magħruf ukoll bħala KIM Tong Un)	Ġeneru: maskil	22.12.2009	Eks direttur ta' "Uffiċċju 39" tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea li huwa involut fil-finanzjament tal-proliferazzjoni. Fl-2011, allegatament kien responsabbli minn "Uffiċċju 38" biex jinġabru fondi għat-tmexxija u għall-elit.
3.	KIM Yong Nam (KIM Yong-Nam, KIM Young-Nam, KIM Yong-Gon)	Data tat-Twelid: 2.12.1947 Post tat-Twelid: Sinuju, RDPK Ġeneru: maskil	20.4.2018	KIM Yong Nam ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti bħala aġent tar-Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti. Hu u ibnu KIM Su Gwang ġew identifikati mill-Bord ta' Esperti bħala involuti f'sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li

▼**M29**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinja-zzjoni	Raġunijiet
				setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. KIM Yong Nam fetaħ diversi kontijiet kurrenti u ta' tfaddil fl-Unjoni u ġie involut f'għadd ta' trasferimenti bankarji kbar lejn kontijiet bankarji fl-Unjoni jew lejn kontijiet barra l-Unjoni waqt li kien qed jaħdem fil-korp diplomatiku, inkluż lejn kontijiet f'isem ibnu KIM Su Gwang u l-mara ta' ibnu KIM Kyong Hui.
4.	DJANG Tcheul Hy (JANG Tcheul-hy, JANG Cheul-hy, JANG Chol-hy, DJANG Cheul-hy, DJANG Chol-hy, DJANG Tchou-lhy, Kim Tcheul-hy)	Data tat-Twelid: 11.5.1950 Post tat-Twelid: Kangwon Ġeneru: femminil	20.4.2018	DJANG Tcheul Hy kienet involuta, flimkien mar-raġel tagħha KIM Yong Nam, binha KIM Su Gwang u l-mara ta' binha KIM Kyong Hui f'sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. Kienet is-sid ta' diversi kontijiet bankarji fl-Unjoni li nfetħu minn binha KIM Su Gwang f'isimha. Kienet involuta wkoll f'diversi trasferimenti bankarji minn kontijiet mill-mara ta' binha KIM Kyong Hui lejn kontijiet bankarji barra l-Unjoni.
5.	KIM Su Gwang (KIM Sou-Kwang, KIM Sou-Gwang, KIM Son-Kwang, KIM Su-Kwang, KIM Soukwang, KIM Su-gwang, KIM Son-gwang)	Data tat-Twelid: 18.8.1976 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Diplomatiku, Ambaxxata tal-RDPK, Belarus Ġeneru: maskil	20.4.2018	KIM Su Gwang ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti bħala aġent tar-Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti. Hu u missieru KIM Yong Nam ġew identifikati mill-Bord ta' Esperti bħala involuti f'sensiela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. KIM Su Gwang fetaħ għadd ta' kontijiet bankarji f'diversi Stati Membri, inkluż taħt l-ismijiet ta' membri tal-familja. Kien involut f'diversi trasferimenti bankarji kbar lejn kontijiet bankarji fl-Unjoni jew lejn kontijiet barra l-Unjoni waqt li kien qed jaħdem fil-korp diplomatiku, inkluż lejn kontijiet f'isem il-konjuġi tiegħu KIM Kyong Hui.

▼**M29**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinja-zzjoni	Raġunijiet
6.	KIM Kyong Hui	Data tat-Twelid: 6.5.1981 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Ġeneru: femminil	20.4.2018	KIM Kyong Hui kienet involuta flimkien mar-raġel tagħha KIM Su Gwang, missier ir-raġel tagħha KIM Yong Nam u omm ir-raġel tagħha DJANG Tcheul Hy f'sen-siela ta' prattiki finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. Hi rċeviet diversi tras-ferimenti bankarji mingħand ir-raġel tagħha KIM Su Gwang u missier ir-raġel tagħha KIM Yong Nam, u ttras-ferixxiet flus lejn kontijiet barra mill-Unjoni f'isimha jew isem omm ir-raġel tagħha, DJANG Tcheul Hy.

▼B

ANNESS XVI

Lista ta' persuni, entitatjiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 34(1) u 34(3)

▼M5

(a) Persuni fiżiċi

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
1.	KIM Hyok Chan	Data tat-twelid: 9.6.1970. Numru tal-passaport: 563410191 Segretarju tal-Ambaxxata tar-RDPK f'Luanda	16.10.2017	Kim Hyok Chan serva bħala rappreżentant ta' Green Pine, entità elenkata min-NU, inkluż in-negozjar ta' kuntratti għar-rinnovament ta' bastimenti navali tal-Angola bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼M10

2.	CHOE Chan Il		22.1.2018	Direttur tal-Uffiċċju ta' Dandong tal-Korea Heungjin Trading Company, entità ddežinjata min-NU. Il-Korea Heungjin tintuża mill-KOMID, entità ddežinjata oħra min-NU, għal finijiet ta' kummerċ. Il-KOMID ġiet dežinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali.
3.	KIM Chol Nam		22.1.2018	Direttur tal-fergħa ta' Dandong ta' Sobaeksu United Corp li ġiet dežinjata mill-Unjoni. Rappreżentant tal-fergħa ta' Beijing tal-Korea Changgwang Trading Corporation, li ġiet identifikata mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala psewdonimu tal-KOMID. Il-KOMID ġiet dežinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali.

▼M29

4.	JON Chol Young magħruf ukoll bħala: JON Chol Yong	Numru tal-passaport: 563410192 Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Angola Data tat-Twelid: 30.4.1975	22.1.2018	Eks rappreżentant fl-Angola tal-Green Pine Associated Corporation u diplomatiku akkreditat għar-RDPK fl-Angola. Green Pine ġiet dežinjata min-NU għal attivitajiet inkluż il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi. Green Pine nnegozjat ukoll kuntratti għar-rinnovazzjoni ta' bastimenti navali tal-Angola bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼**M10**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
5.	AN Jong Hyuk Magħruf ukoll bħala: An Jong Hyok	Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Eġittu Data tat-twelid: 14.3.1970 Numru tal-passaport: 563410155	22.1.2018	Rappreżentant ta' Saeng Pil Trading Corporation, psewdonimu ta' Green Pine Associated Corporation, u diplomatiku tar-RDPK fl-Eġittu. Green Pine ġiet dežinjata min-NU għal attivitajiet inkluż il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi. An Jong Hyuk kien awtorizzat jagħmel kull tip ta' negozju f'isem Saeng Pil, inkluż l-iffirmar u l-implimentazzjoni ta' kuntratti u ta' negozju bankarju. Il-kumpannija tispeċjalizza fil-kostruzzjoni ta' bastimenti navali u d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-installazzjoni ta' tagħmir ta' komunikazzjoni elettronika u ta' navigazzjoni bil-baħar.
6.	CHOL Yun	It-tielet Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għaċ-Ċina	22.1.2018	Chol Yun ġie identifikat mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala l-persuna ta' kuntatt tal-Kumpannija tar-RDPK General Precious Metal involuta fil-bejgħ ta' litju-6, oġġett marbut mal-armi nukleari ipprojbit min-NU, u diplomatiku tar-RDPK. General Precious Metal kienet identifikata qabel mill-Unjoni bħala psewdonimu tal-entità ddežinjata min-NU Green Pine.
7.	CHOE Kwang Hyok		22.1.2018	Choe Kwang Hyok serva bħala rappreżentant ta' Green Pine Associated Corporation, entità ddežinjata min-NU. Choe Kwang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala l-kap eżekuttiv ta' Beijing King Helong International Trading Ltd, psewdonimu ta' Green Pine. Ġie identifikat ukoll mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala direttur ta' Hong Kong King Helong Int'l Trading Ltd u operatur tal-entità tar-RDPK magħżula bħala l-uffiċċju rappreżentattiv tal-Korea Unhasu Trading Company f'Beijing, li huma wkoll psewdonimi ta' Green Pine.

▼**M10**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
8.	KIM Chang Hyok Magħruf ukoll bħala: James Jin jew James Kim	Data tat-twelid: 29.4.1963 Post tat-twelid: N. Hamgyong Numru tal-passaport: 472130058	22.1.2018	Kim Chang Hyok ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fil-Malasja. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti. Huwa stabbilixxa diversi kontijiet fil-Malasja f'isem il-kumpanniji tal-isem ta' "Glocom", hija stess kumpannija tal-isem tal-entità ddežinjata Pan Systems Pyongyang.
9.	PARK Young Han		22.1.2018	Direttur ta' Beijing New Technology li ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala kumpannija tal-isem tal-KOMID. Il-KOMID ġiet dežinjata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u hija l-kummerċjant primarju fl-armi u l-esportatriċi prinċipali tar-RDPK ta' oġġetti u tagħmir relatati ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali. Ir-rappreżentant legali ta' Guancaiweixing Trading Co., Ltd, li ġiet identifikata mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li bagħtet kunsinna interċettata lejn l-Eritrea ta' oġġetti marbuta mal-militar f'Awwissu 2012.
10.	RYANG Su Nyo	Data tat-twelid: 11.8.1959 Post tat-twelid: Ġappun	22.1.2018	Direttur ta' Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.

▼**M10**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
11.	PYON Won Gun	Data tat-twelid: 13.3.1968 Post tat-twelid: S. Phyongan Numru tal-passaport tas-servizz: 836220035 Numru tal-passaport: 290220142	22.1.2018	Direttur ta' Glocom, kumpannija tal-isem ta' Pan Systems Pyongyang, Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill- Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie dežinjat min-Nazzjonijiet Uniti. Glocom tirreklama tagħmir tal-komunikazzjoni bir-radju għal organizzazzjonijiet militari u paramilitari. Pyon Won Gun ġie identifikat ukoll mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang.
12.	PAE Won Chol	Data tat-twelid: 30.8.1969 Post tat-twelid: Pyongyang Nru tal-Passaport Diplomatiku: 654310150	22.1.2018	Pae Won Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie dežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.
13.	RI Sin Song		22.1.2018	Ri Sin Song ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie dežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.

▼**M10**

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
14.	KIM Sung Su		22.1.2018	Kim Sung Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala r-rappreżentant ta' Pan Systems Pyongyang fiċ-Ċina. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.
15.	KIM Pyong Chol		22.1.2018	Kim Pyong Chol ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala ċittadin tar-RDPK li jħaddem il-Pan Systems Pyongyang. Pan Systems Pyongyang ġiet dežinjata mill-Unjoni talli assistiet fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi u materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata mir-Reconnaissance General Bureau u taħdem f'ismu, li ġie ddežinjat min-Nazzjonijiet Uniti.
16.	CHOE Kwang Su	It-tielet Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Afrika t'Isfel Data tat-twelid: 20.4.1955 Numru tal-passaport: 381210143 (data l-għeluq: 3.6.2016)	22.1.2018	Choe Kwang Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala rappreżentant ta' Haegeumgang Trading Company. F'din il-kapaċità, Choe Kwang Su ffirma kuntratt ta' kooperazzjoni militari bejn ir-RDPK u l-Mozambique bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-kuntratt kien jikkonċerna l-forniment ta' armi u materjal marbut mal-armi lil Monte Binga, kumpannija kkontrollata mill-Gvern tal-Mozambique.
17.	PAK In Su Magħruf ukoll bħala: Daniel Pak	Data tat-twelid: 22.5.1957 Post tat-twelid: N. Hamgyong Numru tal-passaport diplomatiku: 290221242	22.1.2018	Pak In Su ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li huwa involut f'attivitajiet marbuta mal-bejgħ ta' faħam mir-RDPK fil-Malasja bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼M10

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
18.	SON Young-Nam	L-Ewwel Segretarju fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Bangladexx	22.1.2018	Son Young-Nam ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti tan-NU bħala li huwa involut f'attivitajiet marbuta mal-kuntrabandu ta' deheb u oġġetti oħrajn fir-RDPK bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼M16

19.	KIM Il-Su (magħruf ukoll bħala Kim Il Su)	Data tat-twelid: 2.9.1965 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK	3.7.2015	Maniġer fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang u ex-kap rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, fejn aġixxa f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
20.	KANG Song-Sam (magħruf ukoll bħala KANG Song Sam)	Data tat-twelid: 5.7.1972 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK	3.7.2015	Ex-rappreżentant awtorizzat tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) f'Hamburg, u għadu jaġixxi f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
21.	CHOE Chun-Sik (magħruf ukoll bħala CHOE Chun Sik)	Data tat-twelid: 23.12.1963 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK Passaport 745132109 Validu sat-12.2.2020	3.7.2015	Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang u jaġixxi f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
22.	SIN Kyu-Nam (magħruf ukoll bħala SIN Kyu Nam)	Data tat-twelid: 12.9.1972 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK Passaport PO472132950	3.7.2015	Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang u ex-rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, fejn aġixxa f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.
23.	PAK Chun-San (magħruf ukoll bħala PAK Chun San)	Data tat-twelid: 18.12.1953 Post tat-twelid: Pyongyang, RDPK Passaport PS472220097	3.7.2015	Direttur fid-dipartiment tar-riassigurazzjoni tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC) ibbażat fil-kwartieri ġenerali fi Pyongyang sa mill-anqas Diċembru 2015 u ex-kap rappreżentant awtorizzat tal-KNIC f'Hamburg, u għadu jaġixxi għal jew f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.

▼M29

24.	SO Tong Myong	Data tat-Twelid: 10.9.1956	3.7.2015	Eks president tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC), eks President tal-Kumitat tal-Maniġment Eżekuttiv tal-KNIC (Ġunju 2012); eks Maniġer Ġenerali tal-KNIC, Settembru 2013, li jaġixxi f'isem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.

▼M5

(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi.

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-dežinjazzjoni	Raġunijiet
1.	Korea International Exhibition Corporation		16.10.2017	Il-Korea International Exhibition Corporation għenet entitajiet iddežinjati fl-evażjoni tas-sanzjonijiet billi ospitat il-Fiera Kummerċjali Internazzjonali ta' Pyongyang li tipprovdi lil entitajiet elenkati l-opportunità li jiksru s-sanzjonijiet tan-NU billi jissoktaw bl-attività ekonomika.
2.	Korea Rungrado General Trading Corporation magħrufa wkoll bħala: Rungrado Trading Corporation	Indirizz: Segori-dong, Pothonggang District, Pyongyang, RDPK Numru tat-telefon: +850 218111-3818022 Numru tal-fax: +850 23814507 Posta elettronika: rrd@co.chesin.com	16.10.2017	Il-Korea Rungrado General Trading Corporation għenet biex jinkisru s-sanzjonijiet imposti bir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tal-bejgħ ta' missili Scud lill-Eġittu.

▼M27

3.	Maritime Administrative Bureau magħruf ukoll bħala North Korea Maritime Administration Bureau jew Maritime Administration of DPR Korea	Indirizz: Ryonhwa-2Dong, Central District, Pyongyang, DPRK PO Box 416 Tel. 850-2-18111 Estensjoni 8059 Fax: 850 2 381 4410 email: mab@silibank.net.kp Sit tal-internet: www.ma.gov.kp	16.10.2017	Il-Maritime Administrative Bureau għen fl-evażjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti inkluż permezz tal-għoti ta' isem ġdid u tar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' assi ta' entitajiet elenkati u billi pprovda dokumentazzjoni falza għall-bastimenti soġġetti għal sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼M29

4.	Pan Systems Pyongyang magħrufa wkoll bħala Wonbang Trading Co.; Glocom; International Golden Services; International Global System	Indirizz: Room 818, Pothonggang Hotel, Ansan-Dong, Pyongchon district, Pyongyang, DPRK.	16.10.2017	Pan Systems assistiet fl-evażjoni ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi jew materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata minn, u taħdem f'isem, Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddežinjata min-Nazzjonijiet Uniti.

▼B

ANNESS XVII

Lista ta' persuni, entitatjiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 34(1) u 34(3)

▼**M11**

ANNESS XVIII

Bastimenti msemmija fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 43(1)